


HAL BALZAN

"Hortibus Undique Septa" - Imdawwar bil-Gonna minn Kullimkien

IS-SITT SENA Nru. 36

LULJU/AWISSU 1977

HARGA SPECJALI TAL-FESTA TA' MARIJA ANNUNZJATA 1977

EDITORJAL

IL-FESTA MALTIJA

Għaddiet sena oħra, u reġa' wasal jum il-festa ta' l-Annunzjata. Dan il-jum aħna l-Balzanin inkunu nistennewh aktar mill-jiem l-oħra tas-sena. Għax, ngħiduha kif inhi, min ma jħobbhiex il-festa ta' raħal twelidu? Għalina l-Maltin, il-festa fiha bħal seħer li mhux la kemm tfissru kif ġieb u laħaq. Malli tibda toqrob il-festa, donnok bla ma trid, tħoss ġo fik xi ħaġa mhix tas-soltu, ċertu ferħ differenti mill-bqija tas-sena. Saħansitra dawk li kellhom iħallu 'l pajjiżhom u tbiegħdu minn art twelidhom iħossu demmhom ibaqbaq f'dawn il-ġranet għeżież, u jekk ikollhom iżuru Malta għall-btala tarahom jaħsbu biex jiġu fil-jiem tal-festa titulari tal-belt jew raħal tagħhom. Il-festa tgħaqqad il-familja aktar minn kull okkażjoni soċjali oħra; tlaqqa' flimkien qraba u ħbieb u fi spirtu ferrieħi jġeddu t-tifkiriet ta' l-imgħoddi u l-ħbiberija ta' bejniethom.

Il-festa Maltija, kif żviluppat u kibret matul is-snin, hija manifestazzjoni fil-beraħ tal-karattru Malti. Fiha naraw il-karattru tagħna ta' poplu li r-reliġjon tiegħu ma jżommhiex ħaġa purament spiritwali magħluqa bejn l-erba' ħitan tal-knisja, imma jrid joħroġha barra u jgħaqqad magħha wkoll dak li hu profan. Għalkemm fil-festa Maltija nsibu influwenzi barranin, però tul il-mixja tas-snin tajnieha bixra proprju tagħna, hekk li llum nistgħu nsejħulha ħaġa tipikament Maltija. U bħal kull ħaġa Maltija oħra, ta' min jippre-

● għal paġna 2



PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI F'GIEH MARIJA ANNUNZJATA

Il-Hadd, 3 ta' Lulju:

8.15 p.m. Ħruġ ta' l-istatwa min-niċċa.
8.30 p.m. Programm mill-Banda 'San Gabriel', u wara logħob tan-nar.

It-Tnejn, 4 ta' Lulju:

6.30 p.m. Quddiesa folk għaż-żgħażagħ u t-tfal tal-Parroċċa. Jieħu sehem il-grupp tal-kitarri tat-tfajliet tal-Parroċċa.

It-Tlieta, 5 ta' Lulju:

7.00 p.m. Wara l-quddiesa ta' fil-għaxija, 'Pageant' fuq il-Lunzjata mill-Grupp "Żgħażagħ għall-Parroċċa" ta' Hal Tarxien, fil-Knisja.

L-Erbgħa, il-Hamis, u l-Ġimgħa, 6, 7, u 8 ta' Lulju:

6.00 p.m. Għasar kantat bil-Malti, bis-sehem tal-poplu.
6.30 p.m. Quddiesa bil-kant u bl-omelija tat-Tridu. Kurunella, Innu, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Il-Ġimgħa, 8 ta' Lulju:

Il-Baned 'San Gabriel' tal-Parroċċa u '12th May' ta' Ħaż-Żebbuġ iferrħu l-Parroċċa bid-daqq tal-marċi. Wara, logħob tan-nar mid-dilettanti Balzanin.

Is-Sibt, 9 ta' Lulju:

7.15 a.m. Quddiesa bil-mużika bil-Malti, Te Deum tat-Tridu u Antifona.
9.00 a.m. Quddiesa bil-kant għall-morda tal-Parroċċa, tberik tal-morda u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
7.00 p.m. Traslazzjoni tar-Relikwija tal-Madonna mill-Eċċ.za Tiegħu Rev.ma Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Metropolita ta' Malta.
7.30 p.m. Pontifikal Solenni Konċelebrat bil-mużika, immexxi mill-Eċċ.za Tiegħu Rev.ma Mons. Antonio Del Giudice, Nunzju Apostoliku, u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
8.00 p.m. Marċi u Programmi mill-Baned 'San Gabriel' tal-Parroċċa u Santa Katerina' taż-Żurrieq. Il-Banda 'San Gabriel' tesegwixxi l-"Innu lil Marija Annunzjata", bis-sehem tal-Kor 'Pax Christi' ta' Hal Għargħur.
10.30 p.m. Murtali tal-kulur u logħob tan-nar mid-dilettanti Balzanin.

Il-Hadd, 10 ta' Lulju:

8.45 a.m. Kant ta' Terza u Quddiesa Solenni Konċelebrata bil-mużika, immexxija mir-Rev.mu Mons. Guido Calleja. Wara l-Evanġelju, Paneġierku mill-Wisq Rev.du Dun Ġużepp Carabott, Arċipriet tas-Siġġiewi.
9.30 a.m. Marċ mill-Banda '12th May' ta' Ħaż-Żebbuġ.
5.30 p.m. Marċi u Programmi mill-Baned 'King's Own' tal-Belt u 'Konti Ruġġieru' tar-Rabat.
6.30 p.m. Għasar bil-mużika u Kompieta korali.
7.30 p.m. Purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Annunzjata u r-relikwija tal-Madonna, immexxija mir-Rev.mu Mons. Guido Calleja, Antifona u Ċelebrazzoni Ewkaristika. Matul il-purċissjoni u wara, murtali tal-kulur u kaxxi nfernali mid-dilettanti Balzanin.
10.00 p.m. Marċ ta' għeluq il-festa mill-Banda 'San Gabriel'.

B'ruħna mżejna bil-bjuda tal-ġilji,
B'qalbna mkebbsa bil-ħmura tal-ward,
Ninsġu l-innu b'tifħir lil Marija,
Ir-Reġina tas-sema u ta' l-art.

Lil dix-Xbejba magħżula minn Alla
Biex tkun Ommu u Ommna l-bnedmin
Tixirqilha t-tislima ta' mħabba,
Minn uliedha bi qlubhom safjin.

Mill-"Innu lil Marija Annunzjata"
ta' Dun Frans Camilleri.

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-

BORD EDITORJALI — "ĦAL BALZAN"

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel'
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

X'ĠARA FOSTNA

MEJJU 1977

Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Mejju, fis-Sala Parrokkjali Aurora sar Programm Mużiko-Letterarju mill-Kunsill tal-Kultura.

Il-Missjoni ż-żgħira fil-Parroċċa saret bejn l-14 u t-28 ta' dan ix-xahar. Fetħet is-Sibt, 14 ta' Mejju, b'Pellegrinaġġ kbir bis-sehem tal-poplu kollu ta' Ħal Balzan bl-istatwa tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija. Wara l-pellegrinaġġ, fil-Knisja Parrokkjali saret Konċelebrazzjoni Solenni mill-missjunarji u mill-kleru tal-Parroċċa, li fiha ppresieda l-E.T. Mons. M. Gonzi, Arċisqof Emeritus.

Fil-ġimagħtejn tal-Missjoni, saru laqgħat għall-kategoriji kollha tal-komunità parrokkjali — għat-tfal, għaż-żgħażagħ, studenti żgħar u kbar, għax-xebbiet, għall-għarajjes, għan-nisa, u għall-miżżewġin kollha. Il-missjunarji żaru l-iskejjel, l-għaqdiet, u l-każini tal-Parroċċa, kif ukoll il-morda fi djarhom.

Nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Mejju, fis-6.30 p.m. saret Via Sagra Solenni fit-toroq tal-Parroċċa. Wara l-Via Sagra, fil-Knisja Parrokkjali saret quddiesa mill-E.T. Rev.ma Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta. Fl-għeluq tal-Missjoni, nhar is-Sibt, 28 mix-xahar, saret Konċelebrazzjoni Solenni mill-missjunarji u l-kleru tal-Parroċċa u tkanta Te Deum ta' radd il-ħajr.

Il-Ħadd, 22 ta' Mejju, fil-Museum tas-Subien saret iċ-ċerimonja tat-Tfal Magħżulin. Għal din iċ-ċerimonja kienu mistiedna l-missirijiet tat-tfal li jattendu l-Museum.

Il-Vjatku Solenni tal-Morda għal żmien il-Għid sar nhar it-Tnejn, 30 ta' Mejju, u nhar l-Erbgħa, 1 ta' Ġunju, wara l-quddiesa ta' fil-għaxija.

IL-FESTA MALTIJA

● minn paġna 1

servaha u jgħożżha kif inhi, bl-elementi kollha li jsawruha, ibda mit-tiżjin tal-knejjes tagħna bid-damask u d-dehbijiet u l-fided, flimkien mal-mużika u l-orkestra, u spiċċa fil-marċi brijużi, l-armar tat-toroq, il-pavaljuni u l-bnadar, u l-logħob tan-nar u ġ-ġiggifogu.

Dawn it-tradizzjonijiet Maltin għandna ngħożżuhom anzi, fejn nistgħu, inkabbruhom. Għax barra li jipprovdu divertiment leċitu lill-poplu tagħna, li, wara kollox, bħala poplu ma tantx għandu divertimenti ambizzjużi wisq, għandhom iservu wkoll ta' skop turistiku billi fihom jidher il-folklor ta' pajjiżna.

Jalla l-festa ta' din is-sena, bħal ta' snin imgħoddija, tirnexxi u fiha nagħtu qima u nikbru fl-imħabba lejn Sidtna Marija, u fl-istess ħin niddevertu u nifirħu flimkien. Nixtiequ l-FESTA t-TAJBA lill-Balzanin kollha.

AVVIŻ LILL-QARREJJA

Ibagħtu l-kitbiet u s-suġġerimenti tagħkom f'dan l-indirizz:

"Ħal Balzan"
c/o Każin tal-Banda 'San Gabriel',
Ħal Balzan

Jew f'dawn l-indirizzi:

- **Carmel Bezzina B.A.**
  11, Triq San Valentinu,
  Ħal Balzan.
- **Anthony Fenech,**
  'Miele', Triq il-Linja,
  Ħal Balzan
- **Valentino Muscat.**
  238, Triq il-Kbira,
  Ħal Balzan.

ID-DEVOZZJONI LEJN IL-LUNZJATA

(mill-Kav. JOSEPH BORG, K.M., Ph.C., L.P.)

Sur Editur,

Wara l-artikolu tiegħi dwar li d-devozzjoni lejn il-Lunzjata fiż-żewġ Gżejjer tagħna bdiet fl-1370, jew almenu kibret ħafna minn dik is-sena, permezz tat-tliet aħwa nisa sinjuri u reliġjużi Margerita, Sibilla u Isabella d'Aragona, fil-ħarġa ta' l-aħħar Nru. 35, ħabib minn Ħal Balzan kitibli u, wara li qalli li lilu kważi jiġih x'jaħseb li aktarx did-devozzjoni Marjana hija forsi l-iżjed antika fostna, talabni jekk nistax inżid xi ħaġa iżjed ma' dak li diġà ktibt. Waqt li ngħidlu li dan problema difficilissimu, sa nkompli b'xi ftit rimarki o ħrajn żgħar. Nispera li nikkuntentah.

Sitta u sittin sena wara dik id-data, jiġifieri fl-1436, l-Isqof ta' dawn il-Gżejjer, l-Isqalli Senatore de Mello (1432-1445), żied għaxar Parroċċi, ma' dawk it-tlieta li kienu diġà jeżistu: ta' San Pawl Missierna barra s-Swar tal-Imdina (li l-Kappillan tiegħu sar anness bħala Arċipriet mal-Kapitlu tal-Katidral mill-1569 sal -1902), tat-"Tlugħ fis-Sema tal-Madonna" ġol-Kastell t'Għawdex flimkien ma' dik ta' San Ġorġ Martri quddiem il-"Forom" jew "It-Tokk" (li saru taħt l-istess Arċipriet 1688 sal-1976), u t-"Twelid tal-Madonna" ġol-Kastell tal-Port il-Kbir fil-Birgu li wara, meta dil-Parroċċa ħarġet mill-Kastell fl-1224, saret ta' San Lawrenz Martri. Il-Parroċċi ġodda huma tan-Naxxar ("Twelid tal-Madonna"), Birkirkara (Santa Liena Imperatriċi, li saret it-"Tlugħ fis-Sema tal-Madonna" ma' tul l-1617 sal-1745), Bir Miftuh jew Gudja ("Tlugħ fis-Sema tal-Madonna"), Qormi (San Ġorġ Martri), Bi-Sqallin jew Żejtun (Santa Katerina Martri), Żurrieq (Santa Katerina Martri), Siġġiewi (San Nikola "ta' Bari"), Żebbuġ (San Filep t'Aġġira), Mellieħa ("Twelid tal-Madonna"), u Ħal Tartarni jew Dingli (Santa Duminka Martri, u mill-1539 it-"Tlugħ fis-Sema tal-Madonna"). Għalkemm kien hemm tlieta minnhom iddedikati lill-Madonna però l-ebda waħda, għal xi raġuni kurjuża, ma kienet taħt it-titolu tal-Lunzjata.

Mill-banda l-oħra, meta l-Patrijiet Karmelitani ttrasferew il-kunvent tagħhom ġewwa s-swar tal-Imdina fl-1659 minħabba l-ħbit ta' sikwit tal-Għarab u t-Torok, huma ddedikaw il-knisja li tellgħu lil-Lunzjata (b'titular sabiħ ħafna li sar mill-artista famuż Stiefnu Erardi, 1650-1733), kif għamlu wkoll meta bnew l-ewwel kappella fil-post tal-Belt Valletta biex isservi ta' Viċendarja tal-Katidral mill-20 ta' Diċembru 1570, qabel ma nbnew il-Parroċċi tal-Patrijiet Dumnikani fl-1571 u ta' San Pawl Nawfraġu fl-1585 mal-inawgurazzjoni tal-Belt fit-18 ta' Marzu 1571. Dik il-kappella tal-Lunzjata malajr inbidlet f'dik il-knisja sabiħa li kienet għadha teżisti sa qabel il-gwerra li għaddiet, u difatti għadhom jeżistu ż-żewġ navaturi bis-sett ta' artali b'kollox, mibnija mill-arkitett Ġlormu Cassar mill-Gudja (1520-1586) fi żmien il-Pirjol Fra Ġann Vella mill-Mosta li ddedikaha lill-"Madonna tal-Karmnu."

Kif semmejt fl-artikolu l-ieħor, fil-Katidral ta' Malta għamlu l-artal tal-kappellun lemini dedikat lil-Lunzjata, li l-pittura tiegħu tpoġġiet fil-Mużew ta' dil-knisja primarja meta l-Kapitlu għamel dik preżenti pinġuta mill-artista Dumink Bruschi (1840-1910) minn Perugia; waqt li fil-Matriċi t'Għawdex il-kwadru antik tal-1460, kompost minn seba' partijiet, maħdumin "a tempera" fuq il-ġibs b'bażi tal-injam, jirrappreżenta lil-Lunzjata f'żewġ partijiet għalihom, waħda bil-Madonna u l-oħra bl-Arkanġlu Gabriel, lill-Madonna fuq it-tron bħala Reġina tas-Sema u ta' l-Art, l-Inkurunazzjoni ta l-Madonna mit-Trinità Mqaddsa, lill-Madonna taċ-Ċintura jew tal-Konsolazzjoni ma' bosta erwieħ tajba, lil San Pietru, u l-aħħar lil San Pawl (bħala żewġ kolonni tal-Knisja u biex

(ikompli f'paġna 6)

IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

IL-FESTA reġgħet waslet. Din il-kelma ġġiegħel 'il demmna jiġri aktar qawwi fil-vini tagħna, għall-inqas fil-maġġoranza tagħna l-Balzanin, għaliex il-Festa hija l-jum l-aktar speċjali matul is-sena kollha, l-akbar wieħed u l-aktar mistenni. Għaliex fil-Festa aħna nkunu lkoll magħqudin fi ħsieb wieħed, jiġifieri dak li nagħtu l-akbar qima lil Ommna Marija taħt it-titlu ta' l-ANNUNZJATA.

Dan huwa l-ħsieb tal-Parroċċa kollha bħala Parroċċa, ta' dawk kollha li jaħsbu u jaħdmu biex jorganizzaw il-Festa, tant ta' ġo l-Knisja, kemm ukoll ta' barra mill-Knisja. Li kieku ma kienx hekk, ix-xogħol kollu li jsir għall-Festa kien ikun qed isir bla siwi veru, mingħajr skop; kien ikun, kif ngħidu bil-Malti, 'bużżieqa tas-sapun'. Jiena ċert, iżda, li dawk kollha li jirsistu għall-organizazzjoni interna u esterna tal-Festa jkollhom dejjem f'moħħhom li jkabbru fihom infushom u fl-oħrajn il-ġieħ li jistħoqq lill-Madonna fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla fil-ġuf tagħha verġni "qabel it-twelid, fit-twelid u wara t-twelid".

Il-għan li bih qiegħed niktbilkom dawn il-kelmtejn huwa tabilħaqq dan: li nħeġġeġ lil kulħadd biex jingħaqad ma' ħutu l-Balzanin kollha biex "qalb waħda u ruħ waħda" "nerfgħu qlubna 'l fuq" lejn MARIJA ANNUNZJATA ħalli nfaħħruha u nqimuha bħala OMM ALLA. U Marija mis-sema titpaxxa bina, titgħaxxaq bil-ħidmiet tagħna għall-ġieħ tagħha u tgħaqqadna aktar fl-imħabba tagħna u ta' xulxin.

J'Alla dan ikun il-ħsieb ukoll ta' kull wieħed u waħda minna fil-Festa, billi nagħtu l-akbar importanza għall-funzjonijiet tal-Knisja: nattendu u nieħdu sehem sħiħ fihom. Fuq kollox, infittxu li lkoll nersqu nirċievu lil Ġesù, Bin Marija, fit-tqarbin imqaddes. U fis-sehem tagħna fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' barra, nifirħu bi spirtu tabilħaqq nisrani, biex nuru li nifhmu s-siwi tal-ħwejjeġ qaddisa, u li huma dawn l-ħwejjeġ qaddisa l-kawża ta' kull ferħ tagħna, anke dak materjali. Nifirħu u nferrħu lil xulxin. U Marija tberikna.

Nixtiqilkom ilkoll il-FESTA T-TAJBA.

Il-Kappillan

LIL ĦBIEBKOM LI JIĠU MINN BARRA
GĦAL XI VAGANZA

IRRAKKOMANDAWLHOM

MOLLY'S GUEST HOUSE

FIRST CLASS
BED & BREAKFAST
72, BALZAN VALLEY,
BALZAN - MALTA

Telephone: 41296

IL-KNISJA PARROKKJALI (24)

SAN PAWL L-EREMIT

Wara li tkellimna dwar l-Artal Maġġur, kif ukoll dwar l-Artal tal-Kor, imiss issa li nibdew ngħidu dak li nafu dwar l-artali l-oħra li għandna fil-Knisja Parrokkjali tagħna. Biex nimxu bħal ma jimxi l-arloġġ, nibdew bl-Artal ta' San Pawl l-Ewwel Eremit.

Meta nħarsu lejn l-Artal Maġġur, naraw li fuq il-lemin tagħna hemm l-artal li hu ddedikat lil San Pawl l-Ewwel Eremit. Jekk min qed jaqra beda jsegwi l-istorja ta' Ħal Balzan sa mill-bidu tal-ħruġ tal-gazzetta tagħna, jaf li diġà ltaqa' ma' l-isem ta' dan il-qaddis bħal daż-żmien ħames snin ilu. 'Għaliex?' Xi ħadd jistaqsi. Għaliex l-istorja tgħallimna li l-bidu tad-devozzjoni lejn dan il-qaddis ma bdietx f'din il-Knisja Parrokkjali, iżda fil-Knisja ta' l-Annunzjata l-qadima.

L-Artal ta' San Pawl Eremita fil-Lunzjata l-Qadima

Biex ma nirrepetix ħafna minn dak li kont għedt meta ktibt dwar dan l-artal, nixtieq din id-darba naghti xi ħjiel żgħir biss. Nibda biex ngħid li mill-Atti tas-sena 1598, fol. 224, nafu li Lorenzo Borg ħalla biċċa art biex ikunu jistgħu jsiru l-Għasar ta' lejlet il-Festa ta' San Pawl Eremita, il-Quddiesa Kantata u biex jinxtegħel il-lampier u jsir kull ma hu meħtieġ għall-artal. Deskrizzjoni ta' dan l-artal insibuha fil-viżta tat-28 ta' Novembru 1615 tal-Isqof Balthassar Cagliares. Aktar tard, fl-24 ta' Settembru 1686, Fra Dr. Giuseppe Zammit ta' l-Ordni Ġerosolmitan beda jinteressa ruħu minn dan l-artal billi ta biċċa art lil dan l-artal bl-obbligu li jiġu ċċelebrati sitt quddisiet letti fl-ottava tal-Festa ta' San Pawl Eremita. (1)

Fra Dr. Giuseppe Zammit

Inħoss li biex wieħed jakkwista xi tagħrif storiku dwar l-Artal ta' San Pawl Eremit ma jista' bl-ebda mod iħalli barra tagħrif dwar Frater Doctor Joseph Zammit. Għalhekk, nagħmel insistenza ma' min qed jaqra dan l-artiklu biex jaqra l-artiklu magħmul b'mod xjentifiku u storiku dwar Frater Dr. Zammit ta' Dr. Pawlu Cassar M.D., B.Sc., D.P.M. (Eng.), F.R.Hist.S.(Lond.) Fellow of the Royal University of Malta. (2)

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

GHAL KULL XORTA TA'
BIZZILLA TA' MALTA
Irrikorru:
73, MAIN STREET, BALZAN

L-Artal ta' San Pawl trasferit fil-Knisja Parrokkjali l-Ġdida Artal bla Kwadru

Il-bidu ta' dan l-avveniment kien hekk: Nhar l-20 ta' Settembru 1699, l-Isqof David Cocco Palmieri għamel viżta pastorali lill-Knisja Parrokkjali l-ġdida. Fir-relazzjoni ta' din il-viżta ħalla miktub dawn il-kelmiet: "Fl-ewwel kappella tan-naħa tal-lemin tal-Korsija tal-Knisja, hemm artal imżejjen b'ornamenti tal-ġebel, iżda dan l-artal ma għandux kwadru u lanqas hemm min jieħu ħsiebu." (3)

L-Artal li kien bla Kwadru jsir l-Artal tal-Kurċifiss

Dak l-artal imsemmi fil-viżta li kien mingħajr kwadru u mingħajr min jieħu ħsiebu, ma damx hekk għaliex fil-Viżta ta' wara, jiġifieri f'dik tal-20 ta' Mejju 1709, l-istess Isqof ħalla dan li ġej fir-relazzjoni tiegħu: "L-artal li kien mingħajr kwadru ġie issa b'mod proviżorju ddedikat lis-Santissmu Kurċifiss u għandu bħala prokuraturi li Dun Marju Said u lil Dun Dumink Tonna." L-Isqof David Cocco Palmieri, fl-istess viżta, talab li dan il-Kurċifiss ikollu l-artal tiegħu fid-daħla tan-nofs tal-Kappellun biex ikun jixbaħ lill-artal iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. (4)

L-Artal tal-Kurċifiss isir l-Artal ta' San Pawl Eremita

Meta Fra Dr. Giuseppe Zammit, li kif għedna kellu f'idejh l-Artal ta' San Pawl l-Ewwel Eremit fil-Knisja ta' l-Annunzjata l-qadima, intebaħ li l-artal tal-Kurċifiss kien se jiġi trasferit għall-artal fejn narawh illum, ħaseb biex jagħmel dak li hu meħtieġ biex l-artal ta' San Pawl jiġi meħud fil-Knisja Parrokkjali l-ġdida. Għalhekk insibu li Fra Dr. Zammit, nhar is-16 ta' Ottubru 1711, għamel talba għat-trasferiment ta' dan l-artal mill-knisja l-qadima għall-knisja l-ġdida tal-Annunzjata. Din it-talba ġiet aċċettata b'digriet tal-Kurja tat-30 ta' Ottubru ta' l-istess sena 1711. (5)

Tliet snin wara, fl-Atti tan-Nutar Giuseppe Callus, insibu li: "Nhar l-14 ta' Frar 1714, fuq imsemmijin Zammit u Clara Magro oħtu, fuq il-ġid minnhom imħolli lill-familja Bosio, qiegħdu l-obbligu perpetwu ta' 12-il skud u 8 tari biex jiġu ċċelebrati tmien quddisiet letti fuq l-imsemmi artal ta' San Pawl l-Ewwel Eremita — li sebgħa minnhom għandhom jitqaddsu fis-seba' Festi tal-Madonna u jiġu applikati għall-erwieħ tal-Fundaturi u quddiesa oħra fil-festa ta' San Ġużepp". (6)

Ikomplu l-viżti lil dan l-Artal

L-Isqof Fra Jacobus Canaves għamel l-ewwel u l-aħħar viżta tiegħu lill-Knisja Parrokkjali nhar it-28 ta' Ottubru 1716. Igħid dan l-Isqof li dan l-artal hu ddedikat lil San Pawl l-Ewwel Eremit, li għandu l-mensa ta' l-irħam, u li ġie erett fiż-żmien meta ma kienx hawn Isqof. Igħid ukoll li dan l-artal hu amministrat mir-Rev. Fra Dott. Giuseppe Zammit. (7)


Veru li kif qal l-Isqof Canaves li dan l-artal ġie erett meta ma kienx hawn Isqof, għaliex l-Isqof David Cocco Palmieri miet nhar id-19 ta' Settembru 1711 u l-Isqof Jacobus Canavas ġie maħtur Isqof ta' Malta mill-Papa Klement XI nhar it-30 ta' Awissu 1713. Malta damet mingħajr Isqof għal tliet snin. (8)

Fil-viżti ta' l-Isqof Gori Mancini, li għamel fl-1723, u ta' l-Isqof Alpheran tal-1729, it-tnejn isemmu li dan l-artal hu magħmul mill-ispejjeż ta' Fra. Dott. Giuseppe Zammit.

Fil-viżta ta' l-Isqof Alpheran De Bussan, li għamel lil dan l-artal nhar l-1 ta' Mejju 1736, insibu li jgħidilna li fuq l-iskannell ta' dan l-artal hemm ix-xbiha tal-Madonna tad-Dawl. Dwar din ix-xbiha u l-festi tagħha nitkellmu aktar tard. (9)

Fir-relazzjoni tal-viżta ta' l-Isqof Rull, insibu li fid-9 ta' Ottubru 1758 sab li l-iskannell ta' dan l-artal għadu magħmul ġdid, li hu ta' l-injam impitter b'kulur il-"lapis lazzuli", kif ukoll fih ħafna induratura u li hu miżmum tajjeb ħafna. Igħidilna wkoll li hu ġuspatronat tas-sinjura Agata Farrugia, werrieta tal-beni tal-mejjet l-Eċċ.za t-Tabib Fra Giuseppe Zammit. Insibu

(ikompli f'paġna 6)



L-Artal ta' San Pawl l-Ewwel Eremit, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan

RINGRAZZJAMENT

Nirringrazzjaw lil dawk kollha — kontributuri ta' reklami, kittieba, u dawk li b'tant paċenzja jqassmu l-gazzetta fid-djar — li taw is-sehem tagħhom biex ħareġ dan il-għadd speċjali ta' din il-gazzetta.

Il-Bord Editorjali.

SOMBRERO
VICTOR
PASTIZZERIA FOR ALL OCCASIONS
SPECIALIST FOR RAVJUL DAILY,
GHAGINA, PIZZA, QASSATAT.
215, VALLEY ROAD, B'KARA.
TEL. 41457.

HAL BALZAN U L-FESTA TAL-LUNZJATA BEJN L-1890 U L-1895

Fl-okkażjoni tal-festa tal-Lunzjata tas -sena l-oħra (1976) kont ktibt artiklu dwar Ħal Balzan u l-festa tal-Lunzjata bejn l-1875 u l-1885. (1) Din is-sena sejjer nagħti ftit tagħrif fuq ir-raħal u l-festa bejn l-1890 u l-1895.

Kitba ta'
WINSTON L. ZAMMIT B.A. (HONS.), M.A.

IL-POPOLAZZJONI

Skond iċ-ċensiment ta' l-1881, il-popolazzjoni ta' Ħal Balzan kienet tlaħħaq 885 ruħ. (2) Għaxar snin wara, fl-1891, il-Gvern Kolonjali ddeċieda li jagħmel ċensiment ieħor u ħatar lis-sinjuri Oliviero Borg Olivier u Ugo Bruno biex jagħmlu ċ-ċensiment f'Ħal Balzan, Ħal Lija u H'Attard. (3)


Minn dan iċ-ċensiment nafu li fl-1891 il-popolazzjoni ta' Ħal Balzan kienet tlaħħaq 1.067 ruħ, u kienet maqsuma f'443 raġel u 624 mara. (4) L-istess ċensiment jagħtina wkoll tagħrif dwar in-numru ta' djar u bini ieħor f'Ħal Balzan . F'dak iż-żmien kien hemm b'kollox 297 biċċa bini li kienu maqsuma hekk: Houses 254, Rooms 9, Hotels and Lodgings 2, Farm Houses and Pens 7, Stores, Shops and Offices 14, Coach Houses and Stables 11. Minn dawn il-297 biċċa bini, 220 biss kienu abitati. (5)

IL-FERROVIJA

Fl-artiklu tas-sena l-oħra kont tajt xi tagħrif fuq il-bidu tas-servizz tal-ferrovija bejn il-Belt u l-Imtarfa fl-1883. Iżda fl-1890 il-ferrovija ltaqgħet ma' diffikultajiet finanzjarji kbar, u fl-1 t'April 1890 waqfet taħdem. Iżda fil-25 ta' Frar ta' l-1892 reġgħet bdiet taħdem u din id-darba baqgħet tagħti s-servizz tagħha sa l-1931. (6)

IL-KAŻIN MARIJA ANNUNZJATA

Fl-1890 sar pass kbir 'il quddiem fil-ħajja soċjali tar-raħal bit-twaqqif tal-Każin Marija Annunzjata. It-twaqqif ta' dan il-każin kien ifisser mhux biss li issa l-irġiel Balzanin kellhom fejn iqattgħu siegħa żmien, iżda issa kien hemm ukoll għaqda li kienet lesta biex tgħin għas-suċċess tal-festa tar-raħal. (7)



Il-Każin "Marija Annunzjata" f'Misraħ Ħal Balzan

IL-KNISJA

Il-Knisja Parrokkjali tal-Lunzjata kienet mingħajr ebda dubju ċ-ċentru ewlieni tar-raħal. Il-kappillan f'dan iż-żmien kien ir-Rev. Dun Ġwann Sarreo D.D., li kien ġie maħtur Kappillan ta' Ħal Balzan fl-1890. (8).

Matul il-parrokat tiegħu nsibu li saru diversi opri fil-knisja. Fl-1890 tlestiet il-qanpiena l-kbira, u fis-sena ta' wara tlestew it-tliet qniepen l-oħra. (9) Fl-1892 Ġużeppi Calì lesta l-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju. (10) Sentejn wara, fl-okkażjoni tal-festa titulari, l-istess pittur lesta l-pittura tal-koppla, li kellha bħala suġġett is-Seba' Doni ta' l-Ispirtu s-Santu. Fl-istess sena (1894) l-istess pittur pitter ukoll l-Erba' Evanġelisti ta' taħt il-koppla. (11)

IL-FESTA TAL-LUNZJATA

Niġu issa għall-festa tal-Lunzjata li żgur kienet iċ-ċentru ta' l-attivitajiet kollha li kienu jsiru fir-raħal matul is-sena.

1890 F'din is-sena , il-festa titulari saret fil-25 ta' Marzu, u l-mużika kienet tas-Surmastrijiet Nani. Il-Primi Vespri u l-quddiesa tal-festa saru mir-Rev. Dun Anton Vella, filwaqt li s-Sekondi Vespri tmexxew mir-Rev.mu Mons. F. Caruana, ex-kappillan tar-raħal. Il-paneġierku sa r mir-Rev. Cremona O.P.

Fil-festi ta' barra ħadet sehem il-Banda La Valette li esegwiet programm sabiħ. (12)

1891 F'din is-sena l-festa titulari ġiet iċċelebrata nhar it-Tnejn 6 t'April. Il-funzjonijiet tal-festa tmexxew mill-Kapitlu ta' Birkirkara, filwaqt li l-paneġierku sar mir-Rev. Dun Anton Vella. Il-mużika kienet tas-Surmastrijiet Nani, u fost il-kantanti kien hemm l-artisti taż-żewġ tejatri. It-toroq tar-raħal kienu mżejna u kien hemm ukoll il-mixegħla . Diversi baned ferrħu lir-raħal bid-daqq tagħhom. (13)

1895 Ma nsibu ebda tagħrif fil-gazzetti lokali dwar il-festa tal-Lunzjata fis-snin 1892, 1893 u 1894. Niġu għalhekk għas-sena 1895. F'din is-sena l-festa saret fil-25 ta' Marzu. It-Tridwu sar minn Dun Viċenz Vella, u l-paneġierku sar mir-Rev. Dun Ġużepp Xerri D.D., Kappillan ta' San Ġiljan. Il-mużika bħas-snin ta' qabel kienet tas-Surmastrijiet Nani, u fost il-kantanti kien hemm l-artisti prinċipali tat-Tejatru Rjali.



Dun Ġwann Sarreo, Kappillan ta' Ħal Balzan bejn l-1890 u l-1895, li wara laħaq Arċipriet tal-Mosta u mbagħad Monsinjur tal-Katidral.

Rigward il-festa ta' barra, barra t-tiżjin u l-mixegħla, kien hemm ukoll tliet baned, La Valette, banda minn Birkirkara u oħra mill-Ħamrun. Il-festa rnexxiet l-iżjed bit-tħabrik tal-Kappillan Sarreo, il-Konti Manduca, u s-Sur Anton Azzopardi. (14)

Din kienet l-aħħar festa tal-Kappillan Sarreo, għax f'Lulju ta' l-istess sena l-imsemmi kappillan inħatar Arċipriet tal-Mosta. (15)

REFERENZI

(1) Ara W. Zammit "Hal Balzan u l-Festa tal-Lunzjata 1875-1885" f'**HAL BALZAN,** Lulju/Awissu 1976, p. 5
(2) Census of the Maltese Islands taken on Sunday 5th April 1891 (Malta 1892) Table VIII p. 16.
(3) "Il Risorgimento" 9-III-1891.
(4) Census of the Maltese Islands, op. cit., Table XVI p. 22.
(5) Ibid., Table V p. 4.
(6) B.L. Rigby, "The Malta Railway" (UK 1970) p. 10, 13.
(7) Ara "Tifkira tal-Kommemorazzjoni tal-Għeluq il-75 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Marija Annunzjata f'Hal Balzan" (Malta 1965) p. 7.
(8) "Malta Corriere Mercantile Maltese", 28-III-1890.
(9) Ġ. Dimech, "Il-Knisja Parrokkjali (18)" **HAL BALZAN,** Lulju/Awissu 1976, p. 3.
(10) "Gazzetta di Malta, Corriere Mercantile Maltese", 21-3-1892.
(11) "Il Risorgimento", 31-3-1894, 30-7-1894.
(12) "Malta, Corriere Mercantile Maltese", 28-3-1890.
(13) Ibid., 8-IV-1891.
(14) "Gazzetta di Malta, Corriere Mercantile Maltese", 26-II-1895.
(15) "The Malta Standard", 5-VII-1895.

SALVU BRINCAT

IRONMONGERY & ELECTRICAL GOODS

175, MAIN STREET,

BALZAN

BALZAN BUTCHER SHOP

FALZON BROS.

107, MAIN STREET, BALZAN

EL GRECO STUDIO

6, POPE URBANUS VIII STREET,
BALZAN

FOR FINE PAINTINGS
ON CANVAS
LANDSCAPES, PORTRAITS,
AND MALTA SCENES.

FRAME-MAKING AS WELL.

MITT SENA TA' RADD IL-HAJR

GĦADDEW MITT SENA MINN META MARIJA TAL-PASSJONI, FUNDATRIĊI TAS-SORIJIET FRANĠISKANI MISSJUNARJI TA' MARIJA, TAT L-EWWEL PASS... ILLUM 'IL FUQ MINN 10,000 SORU QED JAĦDMU F'640 DAR IMXERRDIN MAD-DINJA KOLLHA, WARA DAK L-EWWEL PASS.

L-Istitut beda f'Ootacamund, Indja, fis-6 ta' Jannar 1877, b'fedeltà għas-sejħa t'Alla. Marija tal-Passjoni, il-mara qalbiena, ta' kuraġġ u ħlewwa li ma jafux bi fruntieri, għexet l-"IVA" tagħha ta' kuljum biex twettaq il-pjan t'Alla fuqha u l-familja ġdida tagħha li matul iż-żmien kibret u nxterdet ma' kullimkien biex twassal l-aħbar it-tajba kull fejn hu possibbli. U għax sabha doċili, Alla fetaħ quddiemha orizzonti dejjem ikbar u isbaħ fil-qasam missjunarju: "Bħal Kristu aħna msejħin biex naqdu kull fejn hemm bżonn... mingħajr fruntieri ta' tip ta' xogħol, ta' kategorija kulturali... il-bnedmin kollha huma l-familja ta' Missier wieħed."

mis-Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija

Il-Franġiskani Missjunarji ta' Marija

"Twelidt franġiskana" — kienet tħobb ittenni Hélène de Chapotin fl-aħħar snin ta' ħajjitha, donnha biex iġġedded il-ferħ tas-sehem sħiħ tagħha fil-familja kotrana tal-Qaddis t'Assisi. Dan mhux għax sabet dirgħajn miftuħa li laqgħuha fil-bidu tal-Istitut, iżda għaliex l-ewwel imħabba li xegħlet fiha kienet l-istess ta' Klara, imsaħħra wara l-Fqajjar li kanta l-Imħabba u bkieha għax mhix maħbuba!

Ħaġa Waħda mal-Papa, mal-Knisja

"Franġisku mur sewwi l-Knisja tiegħi". Fid-19 ta' Jannar 1861, postulanta mal-Klarissi ta' Nantes, Hélène niżlet fil-kor biex titlob, meta hija wkoll semgħet leħen: "Trid tissallab int, minflok il-Papa?" . . . Alla huwa ħaj, igħix dejjem f'ILLUM preżenti; juża mezzi li jkunu t'attwalità u li jistgħu jwasslu l-messaġġ tagħhom fl-ISSA u skond il-ħtieġa tal-waqt. Fiż-żmien li qed insemmu, il-Papa Piju IX kien priġunier. L-"IVA" li Hélène lissnet ma kinetx inqas spontanja mill-imġieba klassika ta' Franġisku li mar malajr isewwi l-ħitan immermra ta' San Damjan. Din il-karatteristika għadha fl-Istitut bħal siġill li kull soru tieħu fuqha f'jum il-professjoni tagħha meta toffri ruħha għall-Knisja, jiġifieri għall-Papa u għas-Saċerdoti b'mod speċjali. "Kull jum titolbu għall-Papa?", kien staqsa Piju XII lil M. Marguerite du Sacre Coeur, ir-raba' Superjura Ġenerali tagħna. "Iżjed minn darba kull jum! . . ." assiguratu din. Meta mietet il-Ġenerali ta' qabilha, Piju XI kien ġabar kollox meta qal fuqha: "Kienet bint vera tal-Knisja." Bħal Franġisk, l-Istitut "iħoss mal-Knisja, mhux biss għax jinteressa ruħu fiha, iżda għax igħix bl-istess taħbit tal-qalb tagħha": kliem il-Papa preżenti.

Tissallab jiġifieri tbati u tbati ħafna. Mill-ġenna tal-art tal-Klarissi, Hélène kellha terġa' lura d-dar minħabba saħħitha. Meta reġgħet ġiet f'tagħha, ħassitha tajba biex mill-ġdid tħaddan il-ħajja reliġjuża. "Ma nafx x'se jsir minnek", qalilha waqt li kien iberikha l-Isqof ta' Nantes, "naf biss li se ssofri ħafna." U newlilha l-Kurċifiss biex tbusu. Għal dan ukoll Hélène tenniet "IVA", lesta bħal Marija, biex tinfed il-ġejjieni mistur bid-dawl tal-ubbidjenza. Dejjem obdiet. Din id-darba qagħdet fuq il-kelma tal-Ġiżwita P. Petit, li ndirizzaha lil M. Marie de Jesus, fundatriċi tas-Sorijiet Riparatriċi.

Mogħtija għall-Adorazzjoni u għal Xogħol fil-Missjoni

L-Adorazzjoni quddiem Ġesù Espost kienet l-għaxqa tagħha. L-inġinokkjatur kien il-kumplament tal-Artal li minn fuqu kienet kontinwament toffri lilha nfisha: Ostja ċkejkna mal-Ostja l-Kbira — għall-Papa, għall - Knisja, għall - bnedmin kollha. Li Kristu Mħabba, jiġi magħruf, maħbub: din kienet l-akbar xewqa tagħha, li maż-żmien sar bżonn għaliha.

F'Hélène, M. Marie de Jesus, il-mara qalbiena li qrat ukoll is-sinjali taż-żmien, rat il-persuna adattata għal kollox li sa dak iż-żmien, ħadd fost l-għaqdiet reliġjużi nisa ma kien għad kellu l-kuraġġ li jħaddan:— il-Missjonijiet. Quddiem l-ubbidjenza Hélène kienet tinfetaħ bħal blanzun għad-dawl tax-xemx. "IVA, LESTA", u araha f'Ootacamund fl-Indja, tħabrek, flimkien ma' sħabha, tqawwi l-qalb tax-xebbiet tal-post, tant li f'qasir żmien il-missjoni ffjorixxiet ġmielha. Ta' 29 sena diġà provinċjali. Il-fiduċja li kellhom fiha s-Superjuri w l-Isqfijiet dejjem tikber u tagħti frott sakemm waslet l-eqqel prova, li ħdejha, il-mard, in-nuqqas ta' rqad, ix-xogħol, il-klima li tħallik bla saħħa, ma kienu xejn. Il-ħażen żera' l-firda. Burraxka ta' kalunji faqqgħu fuq il-provinċjali żagħżugħa. Fis-16 ta' Frar 1876 wasslitilha l-ittra ta' depożizzjoni. Hélène sofriet l-umiljazzjoni b'silenzju u karita ta' bniedma qaddisa li kienet. Min jista' jifhem il-ħsibijiet t'Alla? Kien f'din it-tbatija li twieled l-istitut. Hi w is-sorijiet ta' Ootacamund sabu ruħhom f'dilemma: jew jaċċettaw ċerti kundizzjonijiet li għalihom kienu kontra l-kuxjenza tagħhom, jew iħallu l-Kongregazzjoni ta' Marija Riparatriċi. Fil-25 ta' Novembru, M. Marija tal-Passjoni, għax hekk kien jisimha fir-Reliġjon, flimkien ma' dsatax oħra, ħalliet Madras u waslet Ruma lejlet il-Milied.

F'riġlejn il-Papa "tagħha", Piju IX, Hélène talbet li tibqa' żżomm il-Voti Reliġjużi u li tgħix flimkien mas-Sorijiet li ġew magħha mill-Indja. Qabel ma tkellmet, allavolja mitlufa qalb il-grupp, il-Papa qiegħed idejh it-tnejn fuq rasha: "Inbierku lil din," qal, "sabiex tagħmel ix-xogħol li Alla jrid minnha."

Dħul fit-Terz Ordni Franġiskan

F'Ruma, il-Provvidenza laqqgħetha ma' P. Raphael tal-Patrijiet Minuri, li kien jaf sewwa bil-franċiż. Il-fjamma franġiskana reġgħet xegħlet b'dawl ġdid u qawwi. S'issa kienu magħrufa bħala l-Missjunarji ta' Marija, bl-approvazzjoni tal-Papa Piju IX fis-6 ta' Jannar 1887. Iżda kienet l-Enċiklika "Auspicato" tal-Papa Ljun XIII, tas-17 ta' Settembru 1882, biex ngħidu hekk, l-aktar stedina mill-qrib tal-Fqajjar t'Assisi. Fl-4 t'Ottubru ta' l-istess sena P. Raphael O.F.M. f'isem il-Ġeneral tal-Ordni, il-Venerabbli Bernardine ta' Portoguaro, irċieva lil M. tal-Passjoni fit-Terz Ordni Franġiskan. Wara talba lill-Papa Terzjarju, din l-istess xorti messet lill-Missjunarji ta' Marija, fit-8 ta' Diċembru 1882.

Franġiskani Missjunarji ta' Marija

L-Istitut xtered u tkattar. Fiddar ta' Via Giusti, Ruma, kien hemm dik li minnha Alla seta' jieħu kollox. Taħt it-tmexxija Franġiskana sabet il-milja ta' dak kollu li Alla ħalaqha għalih. Bħal Franġisku għaddiet lil ta' warajha mħabba sħiħa lejn il-Knisja, ħajja msieħba ma' dik ta' Marija — "Il-Vera Superjura tal-Istitut", l-Adorazzjoni ta' Ġesù fl-Ewkaristija u x-xogħol missjunarju f'kull qasam u kull fejn il-Knisja għandha bżonn.

"Kieku dan kien opra tiegħi, l-Istitut imut miegħi," kienet tgħid Hélène de Chapotin, li mietet f'Sanremo fil-15 ta' Novembru 1904. Anke lilha messet ix-xorti li tirċievi l-aħbar tal-martirju ta' sebgħa minn uliedha f'Tai-yuan-fu, Shansi, erba' snin qabel ma mietet, li ġew beatifikati fl-24 ta' Novembru 1946. Tmien snin wara, fis-7 ta' Novembru 1954, l-istess Papa, Piju XII, iddikjara beata lil Suor Assunta Pallotta, il-Franġiskana ta' Marija li għexet fil-milja kollha tagħha l-"IVA" li titlob minnha s-sejħa tagħna. Mietet f'Tong-el-keu, Shansi fis-7 t'April 1905.

Illum l-Istitut hu mxerred mad-dinja kollha. Fl-aħħar Kapitlu Ġenerali li sar f'Ruma s-sena li għaddiet, 116-il delegata minn 65 pajjiż differenti, inġabru f'isem l-10,000 Franġiskana Missjunarja ta' Marija u affermaw l-għan tal-Istitut: il-vokazzjoni Ewkaristika, Marjana u Franġiskana, flimkien mad-disponibiltà, l-IVA għal kull ħidma missjunarja u kull fejn tinħass il-ħtieġa.

F'Malta, il-Franġiskani Missjunarji ta' Marija waslu fi Frar ta' l-1911. Iż-żgħażagħ kienu l-ewwel attrazzjoni, għalhekk bdew jaħdmu r-rakkmu, u xogħlijiet tad-deheb. Billi l-Istitut hu familja internazzjonali,

(ikompli f'paġna 6)



Marija tal-Passjoni, li mitt sena ilu waqqfet is-Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija.

VICTOR BRINCAT

GENERAL WOODWORK

SPECIALISES IN

RESTAURANT

FURNITURE

64, NAXXAR ROAD,
BIRKIRKARA

Telephone: 42949

GRECH'S LTD.

154, St. Sebastian Street, Qormi — Tel: 47015
97, Naxxar Road, Balzan. — Tel: 41367

A full range of wall and floor ceramic tiles in 40 different designs and styles has just arrived for you to suit your choice. We also specialise in luxurious bathroom suites, English and Continental, in 21 different colours.

GENERAL MATERIAL FOR USE IN THE BUILDING INDUSTRY

Everything is offered to you to build your future bathroom, with prices to suit your pockets.

Sole Agents for:
HADRIAN and SYNFLAT Emulsion Paints.

SAN PAWL L-EREMIT

(ikompli minn paġna 3)

wkoll f'din ir-relazzjoni li fil-ġnub ta' l-artal hemm skolpiti l-armi ta' Fra Zammit kif ukoll li l-kadavru tiegħu hu midfun quddiem dan l-artal u l-qabar hu mgħotti b'irħama b'iskrizzjoni ta' tifkira. (10)

Prokuraturi tal-Artal

Mid-dokumenti li għandna nistgħu naraw min kienu dawk li ħadu ħsieb dan l-artal ta' San Pawl Eremita mis-sena 1598 sas-sena 1698, f'medda ta' mitt sena. (11)

Lorenzo Borg mill-1598.
Paolo Borg mill-1615.
Stiefnu Borg bin il-mejjet Lorenzo mill-1646.
Il-Kan. D. Bernardino Zammit mill-1673 sal-1676.
Is-sur Pietro Zammit mill-1677 sal-1680.
Katerina Zammit (omm Fra Dr. G. Zammit) mill-1681 sal-1683.
Il-Kan. D. Bernardino Zammit mill-1684 sal-1698.
Fra Dr. Giuseppe Zammit mill-1699 sal-1740.

Mill-ktieb ta' l-obbligi tas-snin 1707 sal-1785, il-Festa ta' San Pawl l-Ewwel Eremita, li tikkonsisti fl-Għasar ta' lejlet il-Festa u l-Quddiesa Kantata ta' nhar il-Festa, dejjem saru u ġew iċċelebrati mill-Kappillani tal-Parroċċa. (12)

Il-Kwadru ta' San Pawl

L-Ewwel Eremit

Kull min jidħol fil-Knisja Parrokkjali, Maltin u stranjieri, bla dubju, kulħadd, jekk jaf japprezza l-pittura, jieqaf jitgħaxxaq bil-kwadru sabiħ u artistiku li hemm fuq dan l-artal. Kulħadd jistaqsi min hu l-awtur ta' dan il-kwadru, u s'issa ħadd ma kellu t-tweġiba. Nittamaw biss, anke għal dan il-kwadru, li xi darba jkollna tweġiba għal ħafna xogħlijiet oħra li s'issa għadna ma nafux min għamilhom.

Il-Kwadru ovali ta' San Ġużepp

Sat-28 ta' Ottubru 1976, fuq il-Kwadru ta' San Pawl, kien hemm kwadru ovali ta San Ġużepp. Illum dan il-kwadru ġie imqiegħed fis-sagristija l-qadima u minfloku tqiegħed kwadru ieħor ta' San Ġuda Taddew, xogħol il-pittur Pawlu Camilleri Cauchi.

Il-Festa tal-Madonna tad-Dawl

Bħal ma rajna aktar 'il quddiem, fl-1 ta' Mejju 1736, l-Isqof Alpheran kien sab fuq l-iskannell ta' l-artal ta' San Pawl l-Ewwel Eremit kwadru ddedikat lill-MADONNA TAD-DAWL.

Din il-festa kienet issir fit-12 ta' Novembru u kienet tikkonsisti fl-Għasar ta' lejlet il-festa u Quddiesa Kantata nhar il-festa. Fil-ktieb tal-kontijiet tal-Knisja, kif ukoll mir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Alpheran De Bussan tal-1736, naslu għall-konklużjoni li l-festa tal-Madonna tad-Dawl saret għall-ewwel darba fil-Knisja Parrokkjali tagħna nhar it-12 ta' Novembru 1735. (13).

Mill-istess ktieb tal-kontijiet fuq imsemmi, nafu kif kienet issir din il-festa: barra mill-Għasar ta' lejlet il-festa u l-Quddiesa Kantata nharha, kienet issir priedka dwar il-Madonna tad-Dawl. Kien jinkera d-damask, jinxtara l-porvli u jinkrew il-maskli, jinxtara l-ħaxix għall-art tal-knisja, issir illuminazzjoni u jindaqq l-orgni u jsiru diversi spejjeż oħra. (14).

L-Artal ta' San Pawl li hemm illum

Dan l-artal tar-rħam li hemm illum sar minn Ann Sammut. Dan l-artal ġie kkonsagrat minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi flimkien ma' l-artali tal-Kurċifiss, ta' San Mikiel Arkanġlu u tar-Rużarju, nhar id-19 ta' Jannar 1953.

REFERENZI
(1) Dimech Ġ.: **HAL BALZAN** Nru. 4.
(2) Cassar P.: **HAL BALZAN** Nru. 5.
(3) Cocco Palmieri D.: Visit. Past. fol. 251.
(4) Cocco Palmieri D.: Visit. Past. fol. XIV.
(5) Arkiv. Parr.: Lib. 20 fol. 321.
(6) Ibid. Cit.
(7) Canaves J.: Visit. Past.
(8) Bonnici A.: **History of the Church in Malta** Vol. 2. p. 15.
(9) Alpheran de Bussan P.: Visit. Past.; fol. 330.
(10) Rull B.: Visit. Past. Vol. II p. 1.
(11) Arkiv. Parr.: Lib. 41.
(12) Arkiv. Parr. Lib. 11.
(13) Arkiv. Parr.: Lib. 56.
(14). Arkiv. Parr. Ibid. Cit.

ID-DEVOZZJONI LEJN IL-LUNZJATA

(jaqbad minn paġna 2)

jirrappreżentaw il-Papa u l-Katidral taż-żewġ Gżejjer fl-Imdina li ftit snin qabel, fl-1429, ġie ddedikat lil San Pawl Missierna flok lill-"Assunta" kif kien almenu minn żmien il-Konti Ruġġieru n-Normann li kien reġa' tellgħu u ddotah sewwa b'artijiet f'Lentini-Sqallija fl-1090). Dawn is-seba' partijiet, li naħseb li ż-żewġ biċċiet li jirrappreżentaw lil-Lunzjata huma l-iżjed kwadri qodma ta' das-suġġett fiż-żewġ Gżejjer, jinsabu fis-sagristija ta' ġewwa tal-Katidral t'Għawdex.

Dal-kwadru kompost tneħħa fl-1791 meta sar dak preżenti mill-artist Mikiel Busuttil, aktarx mix-Xewkija (1758-1838), però l-Lunzjata ma għadha tidher imkien fih, forsi peress li l-kappella antikissima tagħha tal-1370 għadha ffrekwentata ferm u miżmuma tajjeb ħafna, mhux kif ġara f'Malta fit-tewmija tagħha f'ta' "Id-Daħla" li wżata ftit ferm fejn dik t'Għawdex.

Ingħid issa l-aħħar żewġ kelmiet dwar il-Lunzjata, id-dotata minn Isabella d'Aragona fl-Abbazija tad-Dejr ta' ma' ġenb iċ-ċimiterju ipoġew Kristjan barra r-Rabat ta' Malta. Fil-kappella troglodita t'hawn naraw l-iżjed pittura Biżantina antika fuq il-ħajt u l-unika ta' dal-Misteru tal-Gawdjuż f'Malta. Din tirrappreżenta l-Kruċifissjoni ta' Sidna Ġesù, b'Marija Omm id-Duluri u b'San Ġwann l-Evanġelista, u l-Lunzjata bil-Madonna naħa u l-Arkanġlu Gabriel in-naħa l-oħra, biex turi u tfiehem lid-devoti kollha li r-Redenzjoni tagħna li twettqet minn Ġesù fuq is-Salib bdiet meta Gabriel, il-messaġġier ta' Alla l-Missier, ħabbar lill-Verġni Mbierka li kellha tkun Omm Alla bl-opra ta' l-Ispirtu Santu Alla.

Għażiż ħabib korrispondent, u għeżież qarrejja Balzanin, ma nafx iżjed minn hekk fuq dawk it-tliet ċentri ta' devozzjoni ferm bikrija tal-Lunzjata mill-aħwa bniet d'Aragona. Ħalluni nispiċċa dawn il-ftit noti tiegħi bil-kliem li hemm fuq il-kwadru ovali tal-"Kunċizzjoni Mmakulata" ta' l-artal laterali fil-knisja ta' Santa Margerita Martri tas-Sorijiet Klawstrali ta' Santa Tereża f'Bormla:

"Ave Filia Dei Patris,
Ave Mater Dei Filii,
Ave Sponsa Spiritus Sancti",

u nżid ma' l-Arkanġlu Gabriel:

"Ave Gratia plena,
Ave Benedicta in mulieribus,
Ave Regina nostra, Salve."

Nixtieq il-Festa t-Tajba lil kulħadd, speċjalment lill-Balzanin: l-ex-kollega tal-iskola l-Kappillan Kanonku Dun Karm. Sciberras, liz-ziju ta' marti s-sur Joe M. Vella u martu Ineż, lill-kollega fl-Ordni Dun Ġwann Dimech, lill-ħabib is-sur Valentino Muscat u lil kuġinuh ta' Muscat Flora, lill-kollega Spiżjar Tony Darmenia, lill-Professur Ġużè Aquilina li kont wieħed mill-istudenti tiegħu hekk kif ġie mill-Ingilterra, lit-Tabib Herbert Leniker li martu, l-Ispiżjara Eileen, tiġi oħt il-mara, ukoll lis-sinjura Mary Gatt (omm Queenie u Eileen), lit-Tabib kollega fl-Ordni l-Ambaxxatur Pawlu Farrugia, lit-Tabib Storjografu Pawlu Cassar, lill-kollega Spiżjar John Gatt, lill-artista s-sur Gabriel Caruana, lis-sur Ġorġ Sant Fournier, lill-iskultur is-sur Ġann Sammut, lis-sur Renè Tonna Barthet, u lil ħbieb oħra. Saħħa u l-Madonna tberikna lkoll: "Quod est in votis".

VIVA L-LUNZJATA

Joseph Borg

L-ANNUNZJATA

Fi kmajra
Ġo Nażaret,
Mitlufa fit-talb,
Ix-xbejba Marija,
Waħedha għarkobbtejha,
Ħerqana li jiġi
L-Imwiegħed Messija.

Dawl jiddi
Dlonk jimla madwarha,
U l-Anġlu ħabbar
B'messaġġ ġie mis-sema
Minn Alla s-setgħan,
Biex joffri lix-xbejba
Li ssir Omm Ġesù.

Tinħasad Marija,
Għax b'wegħda lil Alla
Xbubitha, sjufitha,
Hi ġa kienet tat.
'Ma dlonk tbaxxi rasha:
"Tal-Mulej jien qaddejja,
Isir li jrid Hu."

Il-miraklu
Ġie mwettaq,
U l-Verġni ssir Omm,
Biex tagħti lid-dinja
Il-kbir Salvatur,
U tferraħ lill-bniedem
U terfgħu mid-dnub.

Jinħallu
Tal-jasar il-ktajjen,
Mill-ġdid terġa' t-tama
Iddawwal id-dlam.
U x-Xbejba ta' Nażaret,
L-Imqaddsa Marija,
Issir fost in-nisa.
Il-Waħda l-Imbierka.

ROSA FARRUGIA

MITT SENA TA' RADD IL-ĦAJR

(jaqbad minn paġna 5)

dan sewa ħafna għal dan il-għan, tant illi d-dar ta' Ħal Balzan, jew aħjar il-"laboratorju" fejn kien hemm jaħdmu 'l fuq minn mitt tfajla, kienet magħrufa għar-rakkmu ġdid għal Malta muri minn sorijiet Spanjoli u Portugiżi.

Fid-"dispensarju" għadd kbir ta' nies kienu jmorru għall-kura, mediċini, eċċ., kuljum. Ħadd ħlief il-Mulej ma jista' jgħid kemm dan ix-xogħol missjunarju ġab faraġ u wassal lil Kristu f'tant u tant familji.

Inħasset ukoll il-ħtieġa ta' skola. Mis-sena 1949, Ħal Balzan ġie assoċjat mal-Kindergarten — l-ewwel wieħed f'Malta — bi staff ta' sorijiet Maltin imħarrġa sewwa għal din ix-xorta ta' skola. Issa mal-Kindergarten hemm ukoll skola primarja fejn għadd sabiħ ta' subien u bniet jiġu ppreparati għall-kulleġġi u skejjel sekondarji.

F'Settembru 1972 grupp ta' sitt sorijiet ġew il-Marsa, Marija Reġina, fejn il-bieb hu miftuħ għal kulħadd. Matul dawn l-erba' snin u nofs kellna kuntatti sbieħ u ma niqfux nirringrazzjaw 'il-Mulej għall-ġid li rajna min-nies ta' din il-parroċċa. Sena wara ftaħna dar oħra l-Manikata, fejn is-sorijiet jagħmlu wkoll xogħol dirett fil-parroċċa. Din is-sena s-sorijiet tagħna qegħdin Għawdex fejn igħinu fid-Dar ta' San Ġużepp, Għajnsielem.

Inroddu ħajr lil Alla li fil-ħniena tiegħu sejjaħ 'il fuq minn 150 soru Maltija biex jaqduH fl-Istitut tal-Franġiskani ta' Marija, u li hemm Maltin tista' tgħid f'kull rokna tad-dinja.

TOP SHOP

(Salvu Deguara)

FI TRIQ IL-KBIRA

L-AĦJAR ĦANUT

TAL-GROCER

F'ĦAL BALZAN

SKARPOLI

Għal kull xorta ta' tiswijiet ta' żraben
Irrikorru għand SKARPOLI

ta' TRIQ IL-KBIRA, ĦAL BALZAN
Minn għandu tieħu xogħol tajjeb. Jibdel platforms u supratakki u jagħmel uċuħ ġodda tal-krakar.

Ħinijiet:
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-5.30 p.m. sas-7.00 p.m.
Is-Sibt mit-8.30 a.m. sa nofs inhar.

KERAMIT

BUILDERS' AND PLUMBERS' MERCHANTS

IL-WIED BIRKIRKARA

Fejn issibu:
BANJIJIET KULURITI, FRISKATURI TAL-WIĊĊ, W.C., ŻEBGĦA TA' L-ILMA, U MADUM IKKULURIT.

4, OLD CHURCH STREET, B'KARA

Toħorġu bi prezzijiet konvenjenti
Telephone: 42336



FALZON SERVICE STATION

53, NAXXAR ROAD, BIRKIRKARA
TEL: 42763

★ SONNENSCHEIN BATTERIES
★ VREDESTEIN TYRES
★ MALTA RADIATORS
★ WINTRICH FIRE EXTINGUISHERS
★ SERVICING & WHEEL BALANCING

TUDOR RENT-A-CAR
Telephone: 42763

IL-BANDA 'SAN GABRIEL' TAGĦLAQ 25 SENA

Iż-żmien ħafif bħal berqa, ma jistenna 'l ħadd, jibqa' għaddej 'il quddiem, ma jieqaf qatt bħal ziemel sfrenat li issa qiegħed quddiemek u f'daqqa waħda jgħib u ma jidhirx iżjed. Għadda u qisu qatt ma kien. Il-bieraħ sar il-ħolma tal-lum, u l-lum isir il-ħolma t'għada. Hekk igħaddu s-sigħat, il-ġranet, il-ġimgħat, ix-xhur u s-snin. Jekk kull wieħed minna jagħti daqqa t'għajn lejh innifsu jsib li l-lum mhux dak tal-bieraħ, wisq aktar u aktar dak li kien għaxra, għoxrin, tletin sena ilu. Iż-żmien għadda minn fuqu u ħallielu miegħu l-annati li għaddew minn fuqu. Dan jiġri lil kull ħaġa li bdiet u għadha sejra.

Kitba ta'
VALENTINO MUSCAT

Dan ġara wkoll lill-Banda San Gabriel tar-raħal tagħna, li din is-sena jkun għadda minn fuqha kwart ta' seklu, jiġifieri tagħlaq ħamsa u għoxrin sena minn mindu dehret fil-pubbliku għall-ewwel darba fil-fiera li saret fit-23 ta' Marzu 1952 ħdejn il-Villa Macedonia tan-Nobbli Konti Manduca fi Triq San Valentinu. F'dik is-sena wkoll ħadet sehem għall-ewwel darba fil-festa ta' Marija Santissma Annunzjata, Patruna tagħna, fost il-ferħ u l-entużjażmu tagħna l-Balzanin kollha. Tajjeb għalhekk li naraw kif twieldet il-Banda tagħna u x'għadda minn għaliha tul il-medda ta' dawn il-ħamsa u għoxrin sena.



Il-Banda 'San Gabriel' ta' Ħal Balzan, taħt it-tmexxija ta' Mro. Carmelo Briffa, waqt kunċert fi Pjazza Reġina fl-okkażjoni tal-Festi Nazzjonali ta' l-Otto Settembre—8 ta' Settembru, 1958.

Il-Każin tal-Banda San Gabriel kien twaqqaf fl-1920. Ħaġa naturali li f'dak iż-żmien insibuh bħala 'Każin San Gabriel' peress li l-banda kienet għadha ma teżistix. L-iskop ewlieni tiegħu kien li jgħin fil-festi esterni li jsiru f'Ħal Balzan ad unur ta' Marija Annunzjata. Barra dan, il-każin ħaseb ukoll biex jorganizza attivitajiet soċjali, kulturali u reliġjużi għall-membri tiegħu. F'Ħal Balzan minn dejjem kien jinħass il-bżonn ta' attivitajiet mużikali. Tant hu hekk li f'ċertu żmien inħolqot għaqda orkestrali li meta ħabtet se tieħu r-ruħ, tbielet u mietet f'qasir żmien. Għalhekk dan il-vojt beda jinħass aktar minn qabel. Iżda mhux għalkemm ngħidu ngħaqqdu banda, billi f'din il-kelma hemm mistura bosta u bosta diffikultajiet, li biex wieħed jidħol għal din il-biċċa xogħol irid ikun bniedem ta' kuraġġ kbir u li ma jaqta' qalbu minn xejn, inkella żgur li jċedi ma' l-ewwel intopp li jitfaċċa quddiem wiċċu.

Is-Sur Gabriel Caruana

Il-bniedem li kellu dan il-kuraġġ deher fl-1951. Kien determinat fil-fehma tiegħu li jorganizza banda fil-Każin San Gabriel. Dan kien is-Sur Gabriel Caruana, ġuvnott ta' tnejn u għoxrin sena, mimli b'idejat ġodda u bniedem tassew enerġiku. Dan, inkoraġġit minn ġuvnott ieħor ta' l-età tiegħu, is-Sur Joe Felice, daħal għal dil-biċċa xogħol iebsa. Ma kenitx ħaġa ħafifa, u ltaqa' ma' ħafna diffikultajiet, iżda qatt ma medd pass lura, baqa' għaddej 'il quddiem u fl-aħħar il-ħolma tiegħu saret realtà, u l-lum għandna l-banda tar-raħal tagħna, il-Banda San Gabriel, li ilha wieqfa għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena, kollu dovut għall-ħila, għall-kuraġġ, għad-determinazzjoni tas-Sur Caruana, artist u ċeramista li ismu hu magħruf mhux biss hawn Malta imma f'ħafna partijiet oħra tad-dinja, u li fil-preżent hu l-president ta' l-istess każin.

Kien il-jum tal-5 t'Awissu meta s-Sur Gabriel Caruana ressaq il-proposta formali lill-kumitat tal-każin biex tiġi mwaqqfa l-banda. Dawk li kienu kontra t-twaqqif tagħha wrew l-iżvantaġġi kollha li seta' jġarrab il-każin bit-twaqqif tagħha, fil-waqt li dawk li kienu favur tkellmu fuq il-vantaġġi li seta' jikseb il-każin meta dan isir każin tal-banda. Kienet diskussjoni li fiha ħa parti kull membru tal-kumitat, u wara li ntiżnu t-tajjeb u l-ħażin tal-banda, il-kumitat iddeċieda li jsejjaħ laqgħa ġenerali għall-approvazzjoni ta' din il-proposta. Issejħet laqgħa ġenerali u l-president, is-Sur John Borg, ressaq il-proposta biex il-membri jagħtu l-verdett tagħhom. Kienet laqgħa ħajja u mqanqla u kull membru preżenti wera l-punt favur jew kontra, li fl-aħħar wasslet għall-konklużjoni li fil-każin San Gabriel titwaqqaf banda u tieħu l-isem ta' l-istess każin u li l-każin jibda jissejjaħ il-Każin tal-Banda San Gabriel.



Mro. Carmelo Briffa, surmast tal-Banda 'San Gabriel' mill-1952 sal-1972.

L-Ewwel Surmast:
Mro. Carmelo Briffa

F'Settembru ta' l-istess sena, ġie avviċinat is-Sur Carmelo Briffa minn Birkirkara, mużikant magħruf għall-ħila ta' l-istrument li kien idoqq, u ġie mitlub biex jieħu l-inkarigu tat-tmexxija tal-banda San Gabriel. Dan aċċettata u sar l-ewwel surmast tal-banda tagħna. X'kien id-dmir tas-Surmast? Ix-xogħol ewlieni tiegħu kien li jgħallem l-allievi, li n-numru tagħhom kien tassew sabiħ billi kien laħaq ma' l-erbgħin wieħed. Barra dan, kien jagħmel il-kunċerti lill-bandisti li kienu jinsabu fir-raħal tagħna. Dawn kienu ġa jdoqqu ma' baned oħra, u minn dawn ir-raħal tagħna kellu ħdax. Naturalment is-Sur Carmelo Briffa kien ukoll jidderieġi l-banda kull meta din kienet tagħmel is-servizz tagħha, sew fir-raħal tagħna kif ukoll f'ibliet u rħula oħra ta' Malta. Is-Sur Briffa baqa' jaqdi dmiru mal-banda għal għoxrin sena sħaħ billi fil-11 t'April, 1972, Alla l-Imbierek għoġbu jsejjaħlu għal għandu. Matul dawn l-għoxrin sena, is-Surmast Briffa qeda dmiru ta' bniedem għaqli li kien. Bosta kienu dawk l-allievi li approfittaw mit-tagħlim tiegħu u saru bandisti mal-banda tagħna. Iżda minn dawn sfortunatament għad fadal ftit wisq. Però dan hu dovut għaċ-ċirkustanzi taż-żmien. B'dan irrid infisser li bosta minn dawn il-bandisti ġodda ma baqgħux iżjed mal-banda billi xi wħud minnhom kellhom iħallu l-gżira tagħna biex ifittxu futur aħjar fl-artijiet imbiegħda. Oħrajn kibru u żżewġu u ħallew raħal twelidhom.

Mro. Clemente
Sciberras A. Mus. L.C.M.

Mal-mewt tas-Surmast Briffa, il-Kumitat ħaseb biex isib direttur ġdid. Saru ħafna proposti u fl-aħħar ġie deċiż li jiġi avviċinat is-Sur Clement Sciberras A. Mus. L.C.M. sabiex jieħu l-banda taħt idejh. Huwa aċċetta l-kariga ta' Surmast f'Mejju 1972. Dan is-surmast żagħżugħ u ħabrieki, li hu wkoll surmast direttur tal-Banda Sant'Elena ta' B'Kara, jinteressa ruħu ferm fil-kamp mużikali. Kif qed naraw, das-surmast ilu jgħallem lill-allievi, jagħmel il-kunċerti u jesegwixxi l-programmi li tagħmel il-banda tagħna għal dawn l-aħħar ħames snin.

Minn mindu ġiet imwaqqfa l-banda sal-ġurnata mqaddsa tal-lum, il-banda tagħna kompliet kabbret il-festa tagħna. Mill-1952 bdiet tieħu parti billi tagħmel marċijiet u programmi. Għall-ewwel bdiet tagħmel marċ mar-raħal kollu fl-aħħar jum tat-tridu u mbagħad f'lejlet il-festa, barra mill-marċ li tagħmel mat-toroq tal-parti ta' fuq tar-raħal, tagħmel programm fuq iz-zuntier tal-knisja. Tesegwixxi wkoll innu lil Marija Annunzjata, mużika ta' Dun Karm Scerri u versi ta' Dun Frans Camilleri. F'dawn l-aħħar snin bdiet tagħmel marċ mat-toroq tan-naħa t'isfel tar-raħal f'jum il-festa fil-għodu. Dan il-marċ kien ikun ikkummissjonat mill-kumitat tal-festi tal-Każin Marija Annunzjata. F'jum il-festa wkoll, wara l-purċissjoni, qed tagħmel il-marċ ta' l-aħħar mat-toroq tal-parti ta' fuq tar-raħal. Il-banda bdiet ukoll tiċċelebra l-jum tal-festa liturġika ta' Marija Annunzjata billi

(ikompli f'paġna 9)

BEBE

L-AQWA ĦANUT
GĦALL-ĦWEJJEĠ
TAT-TFAL

MUNDLOS-Vigorelli

L-AKTAR MAKNA TAL-ĦJATA AVVANZATA
F'DIN ID-DINJA MODERNA

Barra l-pont tas-soltu din il-marka tagħmel ukoll:
- AĠĠORN SINGLU U DOPPJU
- VARJETA' TA' FANCY STITCHES SA 17mm WIESGĦA
- TISWIJA BIL-MILI AWTOMATIKA
- IRFINAR PERFETT ANKE FUQ IS-SUF
- KULL DAQS TA' AĊĊETTI
- TWAĦĦIL TA' BUTTUNI
- ZIG-ZAG + REFKI
- XOGĦOL FUQ IL-LAZZ

Ara dawn il-makni meraviljużi għand:
MUNDLOS SEWING CENTRE
114, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA

Fir-Raħal Malti

Fuq ir-raħal żgħir kien beda jaqa' s-skiet ta' fil-għaxija x'ħin is-sema bdiet tiddallam u ħlief strixxa dawl kemxejn safrani ma kienx baqa' fuq ix-xefaq lil hinn mill-knisja fuq l-egħlieqi tar-raħħala u l-għolja ftit 'il bogħod. Id-dawl tat-toroq u tal-misraħ dehru jinxtegħlu. It-tfal kien għadhom medhija jilagħbu l-ballun fil-grawnd ta' wara l-knisja u ftit 'il bogħod fil-misraħ il-każini kienu jidhru mixgħulin u ġo fihom żdiedu aktar nies, kemm membri u kemm m'humiex, biex igħaddu flimkien dik l-għaxija fid-diskors ibaqbaq, xorb jew logħob tal-karti, jew tal-biljards.

Kitba ta'

CARMEL ATTARD

Ħafna minn dawk li kienu midħla sewwa tal-każini kienu hemm u għalkemm kien għadu ftit kmieni biex tisma' minn barra l-ilħna jogħlew f'argumenti sħan, ħafna minnhom kienu bit-tieni flixkun birra quddiemhom jew it-tieni terz inbid li ma jdumx wisq ma jferrħek xi ftit, u minn xi kelma 'l hawn u 'l hemm taħt l-ilsien l-atmosfera tinbidel f'waħda ta' diskors ma jaqta' xejn fejn isaltan mhux biss min għandu l-aktar xi jgħid jew l-aktar jaf jitkellem iżda fuq kollox u fuq kulħadd min għandu leħen li jissupera l-ilħna l-oħra.

Ir-raħħala fis-sempliċità tagħhom għandhom l-idejat tagħhom fuq il-ħwejjeġ ta' kuljum u dawk li m'humiex ta' l-istess fehma jippikaw bejniethom min minnhom kapaċi l-aktar jitkellem u jsaħħaħ fehemtu fuq xi suġġett. Illum ftit huma r-raħħala li ma jafu jaqraw jew jiktbu xejn u l-mezzi tax-xandir invadew sewwa l-irħula u kulħadd jidhirlu li jifhem aktar minn ħaddieħor. Ir-raħħalin għandhom karattru kollu kemm hu tagħhom, tipikament Malti, u għalkemm meħlus għal kollox minn influwenzi barranin li tant jaħkmu n-nies tal-ibliet, għadhom iżommu l-ħajja tar-raħal xi ftit bħaż-żminijiet, ngħidu aħna, ta' qabel it-tieni gwerra meta l-irħula kienu għadhom maħkuma minn arja kollha Maltija.

Ir-raħħalin qatgħa ta' nies b'saħħithom b'dirgħajhom muskulati u wiċċhom samrani mill-qilla tax-xemx tagħna, xi wħud minnhom lanqas jindenjaw ruħhom ibiddlu l-ħwejjeġ tax-xogħol meta jinġabru fil-għaxijiet jixorbu fil-każini. It-tibdil tal-ħwejjeġ iħalluh għal nhar ta' Sibt fil-għaxija, il-Ħadd jew xi festa, u, ma għandniex xi ngħidu, l-aktar għal nhar il-festa tar-raħal meta kulħadd ixidd l-aqwa ħwejjeġ li jkollu. L-irġiel u x-xjuħ, kontra ż-żgħażagħ, huma ta' xejra kwieta għall-aħħar u xi wħud igħaddu bosta mill-ħin ħieles tagħhom bil-qiegħda fuq xi bank fil-misraħ jew fuq xi ċint iħarsu lejn dawk li minn ħin għall-ieħor igħaddu minn quddiemhom, xi wħud b'imneħirhom imxammar u oħrajn misthijin. Dawn in-nies għaddejjin iqanqlu xi kelma jew tnejn bejn dawk bil-qiegħda jħarsu wara li jkunu sellmu bil-qima kollha lil dak li jkun.

L-irġiel fil-misraħ jew fil-każini jkunu ħallew in-nisa tagħhom id-dar isajru jew jieħdu ħsieb it-tfal, għax il-misraħ fil-għaxijiet jew il-każini m'humiex post la għannisa u lanqas għat-tfajliet. Meta xi waħda minnhom ikollha tassew bżonn tirfes l-għatba tal-każin tidħol donnha mbeżżgħa, tinqeda malajr u toħroġ tgħaġġel donnha hemm tħossha barra minn lokha qalb dawk l-irġiel kollha. Ngħiduha kif inhi, fil-każin xi kelma baxxa tista' tisma', b'mod speċjali meta x-xorb jibda jagħmel tiegħu. U isma' llum u isma' għada, il-ġuvintur li telgħin malajr jitgħallmu wkoll u meta xi wieħed minnhom ikun beda jitfarfar jibda malajr jilgħabha ta' kbir billi jixrob xi flixkun jew tnejn birra jew xi terz inbid tal-bettija u jgħid xi ħaġa meta jkunu jitkellmu l-irġiel madwar il-bank tal-bar fuq banketti għoljin.

Issa trid toqgħod attent kif titkellem miegħu għax biex juri li ma għadux tifel jiqaflek u jmerik u jekk tittanta tgħidlu xi ħaġa jkun irid jieħu tiegħu minn fuq u malajr ikellmek xi tnejn ħażin jew jaqbad flixkun battal biex jurik li miegħu ma tiċċajtax, anzi ħażin għalik jekk imqar ifettilek iċċaqlaq idejk quddiemu.

Iż-żagħżugħ tar-raħal sar jaf jilbes modern daqs ġuvni tal-belt, u minflok bħal qabel imur jaqta' libsa għand il-ħajjat tar-raħal illum imurlek fl-isbaħ ħwienet tal-Belt u tas-Sliema minn fejn jixtri l-aħjar ħwejjeġ u, fuq kollox, li huma skond l-aħħar moda. Il-ġuvintur, ħafna drabi, kollha jkollhom xi tfajla li bosta drabi tkun minn xi raħal ieħor. Billi huma jkunu jħobbu jitlajjaw fit-triq ewlenija tal-Belt, malajr jaqbdu ma' xi tfajla li bħal sħabha tkun aktarx daħlet hemm biex tintgħoġob minn xi ġuvni u ma tibqax fuq l-ixkaffa.

Mat-tfajla tiegħu, il-ġuvni raħli jiltaqa' kmieni wara x-xogħol għax it-tfajliet ħafna minnhom tarahom jinġabru d-dar għal xi d-disgħa ta' billejl, b'mod speċjali t-tfajliet ta' l-irħula. Wara li l-ġuvni jkun wassal in-namrata tiegħu sad-dar, jew għall-inqas sal-karrozza tal-belt jew raħal tagħha, huwa jitilqilha wkoll lejn ir-raħal tiegħu, iżda fejn it-tfajla tkun marret inġabret mal-familja, iż-żagħżugħ igħaddilek f'xi wieħed mill-każini jew f'xi ħanut tax-xorb biex ikompli xi ftit ma' ħbiebu. Huwa jkun jaf ħafna drabi bosta mill-ġuvintur u l-irġiel l-oħra tar-raħal, iżda dejjem ikun hemm dawk l-erbgħa li jkunu għalih tal-qalba u li ħafna drabi ssibu magħhom jixrob xi flixkun birra jew xi grogg whisky jew brandy.

Jekk iż-żagħżugħ ikun midħla sewwa ta' xi każin malajr issibu jmidd idejh għal kull ma jkun hemm bżonn. Minn xhur qabel il-festa, fil-każini ewlenin ta' l-irħula jibdew isiru t-tħejjijiet meħtieġa biex il-festa ta' dik is-sena ma tagħmilx għajb lil ta' qabilha, u fuq kollox tkun aqwa minn dik tar-raħal l-ieħor li jkun fil-pika magħhom. Huwa fil-każini li b'paċenzja kbira tinħadem il-liedna kulurita biex iżżejjen it-toroq tar-raħal fil-jiem tal-festa. Huwa fil-każini fejn jitħejjew ix-xogħlijiet tal-elettriku biex fil-jiem tal-festa jdawlu t-toroq u jagħtu lir-raħal dehra ta' festa u ta' ferħ b'dik il-mixegħla. Huwa fil-każini fejn isiru xi tħejjijiet preliminari fix-xogħol tan-nar.

Grupp ta' rġiel u żgħażagħ mitlufin wara l-festa u n-nar jaħdmu mill-għada tal-festa minn sena għal sena biex iħejju murtali, bombi u rdieden mhux biss għal festa tagħhom iżda xi drabi wkoll għall-festi ta' rħula u bliet oħra. Aktar ma toqrob il-festa, aktar jiżdied ix-xogħol fil-każini u l-kmamar tan-nar. L-antarjoli forsi jkollhom bżonn xi passata żeba' u l-bandalori u l-pavaljuni wieħed ikun irid idurhom xi ftit. In-nisa ta' l-irġiel tal-każini ħafna drabi jgħinu fix-xogħol ta' ħjata ta' dawn il-pavaljuni u bandalori.

Ma għandniex xi ngħidu, il-każin ukoll ikun irid jitħejja għall-festa, allura wara li jsir ix-xogħol ta' tibjid u żeba' li jkun hemm bżonn jibda jintrama u jitnaddaf biex f'dawk il-jiem tal-festa jilqa' l-mistednin u n-nies li jiġu jżuruh.

Fil-każini tal-baned jibdew isiru aktar kunċerti biex taħt it-tmexxija tas-surmast il-bandisti, b'mod speċjali dawk li huma jkunu daqqew tul sena sħiħa u li se jkunu sejrin idoqqu l-ewwel darba, jagħmlu minn kollox biex kemm lill-każin u kemm lis-surmast tagħhom joħorġuhom bl-unuri fil-programmi u l-marċi li jagħtu tul il-festa.

U hekk, tul dawn ix-xhur ta' ħidma, ir-raħal jinħtieġlu, bħal bejta żnażan jew nemel fejn kulħadd igħin lil kulħadd, jagħti daqqa t'id u l-ħidma donnha lanqas matul il-lejl ma tehda, sakemm jasal l-ewwel jum tat-tridu li jwassal l-erbat ijiem ferħ u briju li bħalhom ir-raħal jara biss tul il-jiem tal-festa.



Żgħażagħ Balzanin iħejju ġ-ġiġġifogu ta' lejlet il-festa

LUCY MALLIA
GROCERY
76, BALZAN SQUARE,
BALZAN

ID-DITTA
FARRUGIA ENTERPISES
103, NAXXAR ROAD, BALZAN
U
55, MATER BONI CONSILII STREET, ZEJTUN
Qiegħda toffri SKONT SPEĊJALI għal waqt it-TRADE FAIR fuq LINEF, BRAZZI, FANALI, STATWI, MINJATURI, INKWADRI, MIRJA, MOBBLI, u SALOTTI TA' BARRA, EĊĊ.
Għalhekk ipprofitta ruħek minn din l-okkażjoni u asal wasla sa
STAND NUMRU E.53 B
jew sal-ħwienet tagħhom.

JOSEPH BARTOLO
100, VALLEY ROAD, BALZAN
Dealers in: Fresh Flowers and Plants; Suppliers to Messes, Hotels, Clubs, English and Foreign Private Families. Orders for: Fresh Flowers, Wedding and complimentary Fancy Bouquet Promptly Executed at the shortest notice and at Very Moderate Charges. Phone: 42694
Għal fjuri friski, bukketti ta' tiġijiet, u okkażjonijiet oħra, irrikorru għand din id-ditta.

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMHADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OHRA TAL-FOAM
Irrikorru:
VITAFOAM MALTA LIMITED
Industrial Estate, San Ġwann (B'Kara)
Telephone: 36275/76

IL-BANDA 'SAN GABRIEL' TAGĦLAQ 25 SENA

(jaqbad minn paġna 7)

tagħmel marċ mar-raħal kollu nhar il-25 ta' Marzu.

Fil-festa ta' San Valentinu Martri, ko-patrun tar-raħal tagħna, il-banda ma naqsitx li



Mro. Clemente Sciberras A. Mus. L.C.M. (Londra), li laħaq Surmast tal-Banda fl-1972.

tagħmel programmi mużikali fuq iz-zuntier tal-knisja fil-jum li l-parroċċa tagħna tiċċelebra l-festa tiegħu. Dan nistgħu ngħiduh ukoll għall-festa tal-Madonna ta' l-Abbandunati fil-Wardija, billi sakemm il-Konti Bernardo Manduca Piscopo Macedonia Zamitt kien għadu ħaj, il-banda tagħna qatt ma naqset li tieħu parti fil-festa li dan in-Nobbli Konti kien jagħmel fl-aħħar t'Awissu. Il-banda bdiet tieħu parti f'din il-festa fl-1953. F'dis-sena wkoll ħadet parti fil-festa ta' l-ewwel Quddiesa Solenni tan-Novell Saċerdot Dun Ġwann Zammit Hammet, direttur spiritwali tal-każin tagħna, u akkumpanjatu middar tiegħu sal-parroċċa b'marċi ferrieħa nhar il-Ħadd 9 t'Awissu.

Żjara tar-Reġina Elizabetta II

Fl-1954, barra l-programmi li għamlet fir-raħal tagħna, ħadet parti għall-ewwel darba fil-festa ta' San Pawl Nawfraġu tal-Belt Valletta. F'din is-sena wkoll daqqet f'Misraħ Ħal Balzan hi u għaddejja l-M.T. r-Reġina Elizabetta II fi triqtha għall-Palazz ta' San Anton meta ġiet iżżur lil Malta wara l-inkurunazzjoni tagħha. Fis-sena ta' wara l-banda kellha żewġ servizzi għal ta' San Pawl Nawfraġu tal-Belt, u ħadet parti f'fiera organizzata mill-kappillan tal-parroċċa, l-Kan. Dun Karm Sciberras, minn barra s-servizzi li tagħmel is-soltu fir-raħal tagħna u fil-Wardija. Fl-1956 il-banda ħadet parti f'żewġ fieri organizzati mill-istess kappillan u ħadet parti wkoll għall-ewwel darba fil-festa tas-Salib li l-patrijiet ta' Ġieżu jagħmlu fil-belt Valletta. Ħadet parti wkoll fil-festa tal-ġubiew tal-fidda tas-Saċerdozju tal-Kappillan Dun Ġużepp Minuti.

Fl-1957, il-banda daqqet għall-ewwel darba fil-festa ta' San Duminku tal-belt Valletta u fil-festa ta' Santa Marija ġewwa l-Mosta. F'Ħal Balzan, imbagħad, minbarra l-programmi tas-soltu, għamlet ukoll programm fuq iz-zuntier tal-knisja nhar il-festa ta' Marija Addolarata, li f'dak iż-żmien kienet issir il-Ħadd ta' wara l-festa proprja tagħha. Fis-sena 1958, fost il-programmi li l-banda esegwiet sew fir-raħal u kemm barra mir-raħal, ta' min isemmi l-programm li sar fi Pjazza Reġina l-belt Valleta, nhar it-8 ta' Settembru, meta Malta kienet tfakkar ir-rebħa tal-Maltin fuq it-Torok fl-1565. Fis-sena ta' wara, il-banda esegwiet il-programmi tas-soltu kemm fir-raħal kif ukoll barra mir-raħal. Fl-1962 ħadet parti fiċ-ċerimonja tal-ftuħ tas-Sala Parrokkjali, is-Sala Aurora, kif ukoll daqqet għall-ewwel darba fil-festa ta' Santa Katerina Verġni u Martri ġewwa ż-Żejtun.

L-Indipendenza

Fis-sena 1964, il-Banda San Gabriel ħadet parti għall-ewwel darba fil-festa ta' Marija, Għajnuna ta' l-Insara, li ssir fl-Oratorju ta' Birkirkara, u għamlet marċ fir-raħal tagħna fil-festi li saru f'ġieħ l-Indipendenza ta' Malta. Fl-1965, il-banda tagħna fetħet il-festi li l-Każin Marija Annunzjata għamel biex jiċċelebra għeluq il-75 sena mit-twaqqif tal-każin. F'din is-sena wkoll il-banda ħadet sehem fil-Kungress Nazzjonali tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla li sar fir-raħal tagħna. Fl-1967 il-M.T. r-Reġina Elizabetta II reġgħet żaret Malta. Saru festi ad unur tagħha u l-banda daqqet ħdejn il-bieb t'isfel ta' San Anton, nhar is-17 ta' Novembru, hekk kif kienet ħierġa r-Reġina fi triqtha lejn il-Belt. Fl-1968, il-Banda San Gabriel ħadet sehem fil-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem li l-Knisja tiċċelebra f'ċerimonja reliġjuża fuq il-fosos tal-Furjana nhar l-Ewwel ta' Mejju. Bdiet ukoll tieħu parti għall-ewwel darba fil-purċissjoni tal-Bambin Ġesù ta' lejlet il-Milied, organizzata mis-Soċjetà tal-Museum.

Fl-1969, billi fil-parroċċa ċċelebrajna t-tielet ċentinarju mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Knisja Parrokkjali tagħna, kif ukoll l-ewwel ċentinarju tal-vara ta' Marija Annunzjata, fir-raħal saru ċelebrazzjonijiet straordinarji, u għalhekk din is-sena l-banda żiedet fil-programmi tagħha. Fl-1970 il-każin fakkar għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tiegħu, u fost il-festi li saru l-banda esegwiet programm taħt it-tmexxija tas-Surmast Carmelo Briffa fuq iz-zuntier tal-knisja nhar il-Ħadd, 19 t'Ottubru. Fis-sena 1971, il-banda akkompanjat il-kadavru tan-Nobbli Konti Bernardo Manduca b'marċi funebri mill-Villa tiegħu sal-parroċċa. Fit-28 ta' Novembru, il-programm li l-banda obbligata tagħmel ta' kull sena nkonnessjoni mal-Banka tal-Lottu sar ġewwa l-Ġonna ta' San Anton. Fis-sena ta' wara, jiġifieri nhar it-12 t'April, 1972, il-banda daqqet marċi funebri ġewwa B'Kara, din id-darba fil-funeral tas-surmast Carmelo Briffa.

Jum ir-Repubblika

Fl-1973, il-banda daqqet għall-ewwel darba fil-festa tal-Madonna tal-Karmelu ġewwa l-Gżira. Fl-1974 indaqqu marċi funebri fil-funeral tal-President tal-Każin tagħna, is-Sur Alfredo Brincat. Saru ukoll il-marċ ta' l-aħħar għall-ewwel darba, dak li qed isir nhar il-festa wara li tidħol li-purċissjoni. F'Ottubru ta' din is-sena sar marċ ieħor fir-raħal li kien kummissjoni tal-Malta Labour Party ta' Ħal Balzan. Fl-1975, il-banda għamlet il-marċ ta' nhar il-festa fil-għodu għall-ewwel darba. Dan il-marċ hu kummissjonat mill-Kumitat tal-festa tal-Każin Marija Annunzjata u għalhekk iferraħ it-toroq tan-naħa t'isfel tar-raħal b'marċi brijużi u ferrieħa. Ħadet parti wkoll fl-isfilata ta' Jum ir-Repubblika fil-Belt Valletta nhar it-13 ta' Diċembru. Fis-sena li għaddiet, il-banda għamlet il-programmi tagħha tas-soltu. Irrid ngħid ukoll li billi l-Każin ħa l-Banka tal-Lottu (No. 136) xi ftit snin wara li twaqqfet il-banda, hu obbligat li kull sena jagħmel programm. Dan id-dmir il-Każin qdieh skrupolożament ta' kull sena.

Minn din l-istorja qasira jidher li l-Banda San Gabriel kienet ferm attiva f'dawn il-25 sena li ilha mwaqqfa, u nittamaw li għal li ġej il-banda tkompli bl-attivitajiet tagħha u jekk jista' jkun jiżdiedu.

CACHIA & BORG

JEWELLERS

140, ST. LUCIA STREET,

VALLETTA — MALTA

TELEPHONE: 27852

ROKNA GĦAT-TFAL

Tfal għeżież,

Ftit granet oħra u l-festa tal-Lunzjata tkun magħna. Jekk hawn festa li fiha kull Balzani jħossu ferħan aktar mis-soltu, mingħajr dubju li hija l-festa tat-Tħabbira ta' l-Anġlu Gabriel lil Marija.

F'dan il-jum għażiż mhux it-tfal kollha jġibu ruħhom sewwa. Xi wħud minnhom, speċjalment fit-tlitt ijiem tat-tridu, fil-waqt li sħabhom ikunu miġburin fil-knisja biex jisimgħu l-quddiesa u jitqarbnu, huma joqogħdu jiġru u jgħajtu kemm jifilħu fuq iz-zuntier tal-knisja.

Oħrajn, il-festa tiġi għalihom biex joqogħdu jgħoddu l-murtali u biex jiġru minn għalqa għal oħra jfittxu xi bombi żgħar li ma jkunux ħadu. La qatt jaraw il-Madonna ħierġa mill-knisja u lanqas dieħla. Tfal bħal dawn żgur li ma jkunux fehmu għalfejn il-knisja tagħmel il-festi.

Tfal bil-għaqal meta tiġi l-festa jiddevertu u jieħdu gost daqs ħaddieħor, imma jafu jagħmlu kollox f'ħinu u f'waqtu. Fil-ħin tal-knisja tarahom il-knisja, fil-ħin tal-purċissjoni tarahom spiss qrib l-istatwa tal-Madonna, u meta tispiċċa l-purċissjoni jidħlu l-knisja biex jieħdu l-barka sagramentali.

Għalhekk, għeżież tfal, filwaqt li fil-festa għandkom tilbsu isbaħ mis-soltu, u tieklu xi ħaġa iktar mis-soltu, qisu li tkunu dejjem preżenti fil-funzjonijiet tal-knisja, għax b'dan l-iżjed li tieħu pjaċir bikom il-Madonna.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Din hi l-ħarġa speċjali li l-Bord Editorjali jaħseb biex jippubblika ta' kull sena fil-festa ta' Marija Annunzjata, il-Patruna tagħna. Għalhekk naħsbu li tkun ħaġa xierqa li l-kompetizzjoni ta' din il-ħarġa tkun fuq il-Madonna, l-Omm maħbuba tagħna.

Kull ma għandkom tagħmlu hu li twieġbu għall-mistoqsijiet li ġejjin:—

1. **Liema hija l-Parroċċa l-oħra f'Malta, minbarra l-Parroċċa tagħna li hija ddedikata lil Marija Annunzjata?**
2. **Semmu l-Parroċċi l-oħra f'Malta li għandhom it-titular tagħhom il-Madonna, taħt titolu jew ieħor.**

Ir-rebbieħ ikun dak li jsemmi l-akbar numru ta' dawn il-Parroċċi.

Bħas-soltu, ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-letterbox ta' l-istess każin. Fuq l-envelop iktbu biss 'Kompetizzjoni'. Tinsewx tniżżlu isimkom fuq il-karta li tibagħtu. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 30 ta' Lulju, 1977.

Billi waslulna għadd ta' tweġibiet tajbin, ir-rebbieħ ittella' bil-polza. Ir-rebbieħ ta' din id-darba huwa Alan Caruana, li joqgħod 'Carsan', Triq l-Annunzjata, Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Saru wlied id-Dawl bil-Magħmudija
Cathia Cassar, bint Joseph u Josephine.
Sarah Cost Chretien, bint Henry u Virginia.

Qaddsu l-imħabba tagħhom fid-Dawl ta' Kristu
Carol Cardona u Margaret Pace.
Tony Busuttil u Marisa Grima.

Ħallew id-dlam tad-dinja u għaddew għad-Dawl ta' dejjem
Concetta Coleiro.
Lucy Borg Cardona.

BORG CARDONA & CO. LTD.

TRIQ DR. ZAMMIT, BALZAN

Telephone: 42698

GĦAL KULL MA TEĦTIEĠU

GĦALL-ANNIMALI U

L-ĠONNA TAGĦKOM.

L-IMBIERKA FOST IN-NISA

Alla l-Missier
Ġenesi III, 15

Għażiża Binti Marija,
Dik li dwarha jien tkellimt,
Dik li kellha lis-serp tirbaħ,
Dik il-Mara hija Int.

Gabriel
Luqa I, 26-37.

Sliem għalik, tfajla Lhudija,
Alla għażlek biex tkun Omm
Ta' l-Iben waħdieni Tiegħu,
Waqt li xbubitek iżżomm.

Isaija
Isaija VII, 14.

Dan ħabbartu minn żmien qabel,
Li dan l-għaġeb għad isir,
Għaliex Alla jista' kollox,
Hu setgħani, l-aktar kbir.

Marija
Luqa I, 38.

Għalhekk jiena fis lissint:
"Tal-Mulej jiena l-qaddejja;
Ħalli sseħħ ir-rieda Tiegħu,
Minni jsir li jrid Mulejja."

Ġużeppi
Mattew I, 18.

Rasi nħossha iddur bija,
Għarusti għandha tarbija,
Bla ma naf min hu missierha,
Bla ma naf din x'biċċa hija.

Anġlu
Mattew I, 20.

La tibżax, twajjeb bin David,
Lil Marija twarrabhiex,
Żommha b'martek, ibqa' ħobbha,
Għaliex ħtija ma għandhiex.

Spirtu Santu
Mattew I, 21.
Piju IX, Domma.

Ruħha hija mingħajr tebgħa,
Saret Omm is-Salvatur,
Qis li inti lilu trabbi,
F'lok missieru int maħtur.

Elizabetta
Luqa I, 39-45

Merħba bik, qariba tiegħi,
Inti sirt Omm il-Messija,
Inti mbierka fost in-nisa,
B'qawwiet Alla ġejt mogħnija.

Marija
Luqa I, 46.

Ruħi 'l Alla tagħna tfaħħar,
Għax Hu miegħi wisq ħanin,
U għalhekk miegħek jingħaqdu
Iberkuni, il-bnedmin.

Ċwanni l-Battista
Luqa I, 41.

Ukoll jiena bdejt inbierkek,
Għad li jien ċkejken tarbija,
U bil-ferħ jiena bdejt naqbeż
Kif smajt leħnek, O Marija.

Rgħajja
Luqa II, 8-20,

Ja Omm ħelwa tal-Messija,
Lilu ġejna inqimuh
Ġol-maxtura, qalb it-tiben,
Sew kif kellna insibuh.

Xmun
Luqa II, 25-35.

Ja Mara, ħa nara 'l Ibnek,
Għax wisq ilni nistennieħ,
Huwa lilek għad ibikki
U lili jagħti l-mistrieħ.

Anna
Luqa II, 35-38.

Ja żagħżugħa, ar' x'qed ngħidlek,
Int għad tara kbar ġrajjiet,
Ġewwa Kana u bliet oħra
Tara wisq għeġubijiet.

Maġi
Mattew II, 1-12.

Sibniek fl-aħħar, ja Mulejna,
F'dirgħajn Ommok qed tistrieħ,
Mill-bogħod ġejna wara l-kewkba
Biex minn qalbna nagħtuk ġieħ.

Ġesù
Luqa II, 41-49.

Issa kbirt, u ġejt fit-Tempju,
Ma, tinsiex li għalli ġej
Illi jiena qabel kollox
Ġejt biex naqdi lill-Mulej.

Mara
Luqa XI, 27.

Omm Ġesù, mara xxurtjata,
Huwa mbierek tagħha l-ġuf,
Imbierek ukoll sidirha
Illi radda' dal-Ħaruf.

Ġesù
Luqa XI, 28.

Ixxurtjati dawka kollha
Jekk kliemi kollu jemmnuh,
Emmnu li jiena Bin Alla
Semgħu kliemi u għamluh.

Ġwanni XVI, 16.

Ma ddumux tarawni fostkom,
Minn hawn jiena għandi nwarrab,
Ser inħalli wkoll lil ommi,
Il-mewt ħarxa jkolli ngarrab.

Ġwanni XIX, 26.

Ara, ma, kif kollox jasal,
Dak li kien miktub ġa sar,
Hu lil Ġwanni bħala ibnek
U mur miegħu lejn id-dar.

Ġwanni l-Appostlu
Ġwanni XVIII, 14 u
Mattew I, 21.

Iva, ma, żommni bħal ibnek,
Kif Ġesù qal qabel miet
Fis-Salib, fuq il-Kalvarju,
Biex id-dinja issa nfdiet.

Marija
Konċilju ta' Efesu
Konċilju Vatikan II.
Pawlu VI, 21 Nov. 1964.

Mhux biss lilek għandi b'ibni,
Għandi wkoll il-għadd ta' Nsara,
Sirt Omm Alla, Omm il-Knisja,
Għandi wlied kemm niflaħ nara.

Insara

Agħtina l-għajnuna tiegħek,
Itlob Int 'l Alla għalina,
Inti Ommna, aħna wliedek,
Il-ġenna fl-aħħar agħtina.

Rafel Bonnici Cali'

Nhar il-Lunzjata, 1977



BIG BEN

Prop: A. GAUCI

21, 23, MAIN STREET,
BIRKIRKARA

Telephone: 40012

THE LEADING HOUSE FOR

GENTS' & LADIES' WEAR

PROFILI BALZANIN — 6

ĠUŻEPPI SAMMUT



Ġużeppi Sammut, jew il-Keti, kif inhu magħruf mill-Balzanin kollha, twieled Ħal Balzan fit-3 ta' Mejju, 1898, minn Ġanni u Emilja mwielda Caruana.

Sa kemm kellu disa' snin huwa attenda l-Iskola Primarja tal-Gvern ta' Ħal Lija u meta tfarfar, jiġifieri meta kellu madwar ħmistax-il sena, siefer għal Tuneż fejn kien jaħdem bħala 'labourer'. Wara sena ġie lura Malta u beda jaħdem bħala manwal u naġġar ma' diversi mgħallmin. Ta' għoxrin sena ngaġġa mas-servizz bħala suldat mhux regolari u siefer għal Salonika, fejn f'dik il-ħabta kienu jmorru ħafna suldati Maltin. Minn Salonika tela' r-Russja, u ta' tnejn u għoxrin sena nsibuh Kostantinopli bħala suldat ukoll. Irritorna Malta għall-ħabta ta' l-1921 u reġa' beda jaħdem fil-ġebel. Ta' min jinnota li sena qabel, jiġifieri fl-1920, kien ġie mwaqqaf il-Każin San Gabriel u għalhekk insibu lil Ġużeppi Sammut bħala wieħed mis-soċi ewlenin.

Fl-1924 beda jiġbor għall-festa, u bejn l-1926 u l-1936 kien jorganizza t-tridijiet tal-festa li tant kienu jkunu organizzati tajjeb li għadhom jissemmew mix-xjuħ tagħna sal-lum. Fl-1925 u fl-1926 kien rama t-triq ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali bid-disinn (ara ritratt fl-intrata tal-Każin San Gabriel).

Fl-1928 ġie elett president tal-Każin San Gabriel, u fis-sentejn ta' wara kien segretarju. Fis-snin ta' wara hu kien jinteressa ruħu ħafna fix-xogħol tal-murtali, u fl-1949 ħadem flimkien ma' oħrajn biex telgħet il-qanpiena l-kbira fuq il-kampnar. Bejn l-1962 u l-1971 kienu jieħu ħsieb il-bar tal-Każin tal-Banda San Gabriel flimkien mas-sur Valentino Muscat. Il-qligħ kien kollu jmur għall-każin.

Matul il-ħajja tiegħu f'Ħal Balzan, il-Keti jiftakar erba' kappillani, l-ewwel wieħed il-mibki Amabile Sisner. Huwa bniedem ta' ġenerazzjoni oħra u fi żmienu ta kontribut siewi fil-qasam soċjali ta' Ħal Balzan, kif ukoll ta sehmu għat-tkabbir tal-festa titulari u tal-Każin tal-Banda San Gabriel.

APPELL

Nagħmlu appell lill-qarrejja kollha sabiex ikunu aktar ġenerużi fl-offerta tagħhom ta' din id-darba, minħabba l-ispejjeż kbar ta' din il-Ħarġa Speċjali. Grazzi ħafna.

Il-Bord Editorjali.